MOVIMENT TA' KANA
**Gruppi Familji Nsara**
Skemi 2018

MOVIMENT TA' KANA GRUPPI FAMILJI NSARA SKEMI 2018



# Moviment ta' Kana
# GRUPPI FAMILJI NSARA
# SKEMI 2018






relax
dream
delight
explore
Discover our world of tailor made travel
ROCS
travel
www.rocsholidays.com
Development House, St. Anne's Street, Floriana, FRN 9010
19-23 ROCS House, Main Street, Mellieha, MLH 2310
Rotunda Square, Mosta, MST 9040
Level -3, The Point Shopping Mall, Tigne, TP 01
Tel: +356 2015 1515 | Fax: +356 2152 3869 | Email: travel@rocsgrp.com
IATA
IATA 50200883
IATA 50209994

Special Offer.
50% off on RICOH Gel Printers when buying an iPhone.
Sliema - Valletta - Pieta - B'Kara - Paola - The Point - Gozo
21442123 - www.icentre.com.mt
iCentre
Premium Reseller

# Moviment ta' Kana
# GRUPPI FAMILJI NSARA
# SKEMI 2018

Dan il-ktieb hu ppubblikat mill-Kumitat Ċentrali tal-Gruppi Familji Nsara fi ħdan il-Moviment ta' Kana. Ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom fit-tħejjija tiegħu.

Disinn: Box Design - ram@box-design.net
Stampar: Gutenberg Press



# Tmiem l-2016

Tmiem is-sena 2016 kien l-aktar perjodu attiv għall-Gruppi Familji Nsara. Ittellgħet il-Laqgħa tal-Avvent fis-Seminarju s-Sibt 26 ta' Novembru, saret il-Quddiesa għall-Familja s-Sibt 10 ta' Diċembru u ġiet organizzata l-Ikla tal-Milied il-Ħadd 11 ta' Diċembru. SKEMI 2017 tqassmu waqt il-laqgħa soċjali għall-Koppji Mexxejja, it-Tnejn 12 ta' Diċembru.



# Quddiesa għall-Familja

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Familja Mqaddsa, is-Sibt 10 ta' Diċembru 2016 il-Gruppi Familji Nsara organizzaw il-Quddiesa għall-Familja li kienet immexxija mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof Metropolita ta' Malta.





















GRUPPI FAMILJI NSARA
MOVIMENT TA' KANA

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Familja Mqaddsa,
il-Gruppi Familji Nsara
qed jorganizzaw
Quddiesa għall-Familja
minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna
Is-Sibt 10 ta' Diċembru 2016, fis-6.00pm
fil-KonKatidral ta' San Ġwann
Il-Belt Valletta.
Kulħadd mistieden.
Il-Koppji u l-familji kollha
mħeġġa jattendu.

# L-Ikla tal-Milied





# Il-Laqgħa tal-Avvent








Iċ-*Chaplain* Nazzjonali Mons. Charles Attard jindirizza l-Koppji Mexxejja waqt it-tnedija ta' SKEMI 2017 li saret fiċ-Ċentru Parrokkjali tar-Parroċċa tal-Qrendi. Ta' kull sena l-Kumitat Ċentrali jipprova li jżomm din l-attività f'parroċċa differenti.



# Il-Laqgħa tar-Randan u l-Laqgħa Ġenerali Annwali

Il-Laqgħa tar-Randan u l-Laqgħa Ġenerali Annwali fl-2017 saru f'appuntament wieħed, is-Sibt 4 ta' Marzu.




Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet ta' Ħad-Dingli, kien mistieden jindirizza l-Laqgħa tar-Randan u jmexxi l-quddiesa.








Charlie Azzopardi u Anthony Attard Bason mill-Kumitat Ċentrali jħejju xi ħaġa tajba għall-koppji membri għal wara l-laqgħa.

...Il-Laqgħa tar-Randan u l-Laqgħa Ġenerali Annwali *continued*



Il-Koppja Teżoriera Mario u Anna Zerafa jagħtu r-rendikont finanzjarju għas-sena 2016.





Il-Koppja President James u Marica Chappell waqt id-diskors tagħhom.

# Ċelebrazzjoni Familja

Ta' kull sena l-Gruppi Familji Nsara jżuru parroċċa partikolari u jtellgħu Ċelebrazzjoni Familja, b'rabta mal-Jum Dinji tal-Familja. Fl-2017 kien imiss il-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi. Il-Grupp tas-Siġġiewi ħa ħsieb janima l-quddiesa u wara organizza mument soċjali fuq iż-zuntier. Għal din l-okkażjoni, il-Kumitat Ċentrali inawgura sett ta' erba' *pull-up posters* ġodda.








FAMILJA li
titlob flimkien,
tibqa' flimkien


L-IMHABBA


SABIH


TEŻOR



...Ċelebrazzjoni Familja *continued*











# Il-Laqgħa tal-Aġġornament

Ingħata bidu għas-sena pastorali 2017/2018 permezz tal-Laqgħa tal-Aġġornament li saret is-Sibt 14 ta' Ottubru 2017, fiċ-Ċentru Parrokkjali San Sebastjan, Ħal Qormi. Il-kelliem mistieden għal din il-laqgħa kien is-Sur Edward Wright.








# Werrej


| | | |
|---|---|---|
| Introduzzjoni | | 15 |
| Messaġġ mill-Koppja President | | 18 |
| Inkomplu niskopru l-Ferħ tal-Imħabba | | 22 |
| Irtir Gruppi Familji Nsara | | 24 |
| Għajnuna għall-animazzjoni tal-Iskemi fil-grupp | | 41 |
| Skema - Jannar | Apprezzament għall-Ħajja | 31 |
| Skema - Frar | Il-Bibbja – fil-ħajja tal-familja | 47 |
| Skema - Marzu | Dar: Evanġelju tal-Familja / Evanġelizzazzjoni / Drawwiet | 53 |
| Skema - April | Familji f'sitwazzjonijiet kumplessi: Insieħbu – Niddixxernu – Nintegraw | 59 |
| Skema - Mejju | Id-Djalogu | 65 |
| Skema - Ġunju | L-Ewkaristija u l-Familja | 69 |
| Skema - Lulju | Edukazzjoni u Fidi | 73 |
| Skema - Awwissu | Il-Faqar fil-Familja | 79 |
| Skema - Settembru | Il-Ferħ | 83 |
| Skema - Ottubru | Il-Formazzjoni | 87 |
| Skema - Novembru | Il-Ħajja Miżżewġa | 95 |
| Skema - Diċembru | Il-Ħniena | 103 |
| Kumitat Ċentrali | | 108 |
| Talba tal-Bidu | | 111 |
| Talba tal-Għeluq | | 112 |



# Introduzzjoni

"Dott, għidli kif se jirnexxili nissaporti lill-marti! Ilna 30 sena miżżewġin u dawn l-aħħar sentejn inħossni se niġġennen! Mhi tisma' xejn! Ittarxet bil-kbir!"

Hekk stqarr Joe waqt viżta ta' rutina għand it-tabib tal-familja.

"U ħu ħsieb li la tiġi Mary għall-viżta tagħha, tiha xi ħaġa biex ittejjeb is-smigħ, għax ma nistax nibqa' ngħix hekk!" kompla Joe aġitat.

It-tabib waqaf ftit mumenti jaħseb. "Ara Joe, ibda minn għada stess. Kif tasal mix-xogħol, hekk kif tirfes fl-intrata, lil Mary għa jtilha. Ibqa' għajtilha kull seba' passi u ara minn fejn l-aktar 'il bogħod li qiegħda tisimgħek. Imbagħad għidli. Hekk meta Mary tiġi għall-viżta tagħha għandi, jien inkun naf kemm hija gravi fis-smigħ."

Kemm ħassu jistrieħ Joe! Donnu fl-aħħar kien se jsib is-soluzzjoni għal dan is-salib ta' ħajtu!

Mela l-għada wasal, u Joe wasal id-dar lura mix-xogħol. Bilkemm laħaq rifes l-għatba, li m'għajjatx "MARY! WASALT!" Tweġiba ta' xejn. Gemgem tnejn minn taħt, mexa s-seba' passi, u reġa "MARY! WASALT!" Skiet perfett! Baqa' sejjer hekk mhux għal seba' passi, imma kif tgħid l-iskrittura għal sebgħa u sebgħin darba, sakemm wasal fil-kċina u hemm isib lil Mary qiegħda tlesti l-ikla ta' filgħaxija.

"Taf kemm-il darba għajjatlek u ma tismagħnix!" sbroffa Joe qisu l-Etna fl-aqwa tiegħu.

Iżda l-akbar sorpriża għalih kienet għada ġejja. "Naf," weġbitu Mary kalma kalma, "naħseb xi sebgħa u sebgħin darba, għax kollha għoddejthom." Joe immuta. "U naħseb weġibtek xi sebgħa u sebgħin darba għal kull għajta tiegħek, imma inti ma smajtnix! Lanqas darba waħda!"

Fil-verità t-trux kien Joe, mhux Mary! Fil-verità, kienet Mary li għal sentejn sħaħ ġarret dan is-salib fis-skiet, u mhux Joe!

Min jaf kemm-il darba jiġrilna bħal Joe. Nippuntaw subgħajna u ma nirrealizzawx li hemm tlieta oħra jippuntaw lura lejna. U min jaf kemm forsi b'nuqqas ta' mħabba naslu biex nagħmlu ġudizzju fuq

ħaddieħor mingħajr ma nkunu infurmati u ffurmati.

Jista' jkun li din ir-realtà wasslet lill-Papa Franġisku li jindaga ftit aktar dwar il-bżonnijiet u s-sitwazzjonijiet tal-familji llum. Mhux għax ma kienx infurmat, jew iffurmat, iżda għax fl-umiltà tiegħu ried li jisma' l-vuċi ta' kulħadd, speċjalment taż-żgħir, tal-batut, tal-imwarrab, tal-imġarrab, tal-muġugħ. Indaga mad-djoċesijiet kollha tad-dinja, sejjaħ is-Sinodu dwar il-Familja, u eventwalment wasal biex kiteb il-famuża eżortazzjoni Amoris Lætitia, il-Ferħ tal-Imħabba. Issa smajna ħafna dwar din l-eżortazzjoni, qajmet kemm diskussjoni kif ukoll ferment għax hija rivoluzzjonarja fil-ħsieb u fl-*approach* kif propost mill-Papa. Għax hawnhekk il-Papa jitlob lill-Knisja li toħroġ u tiltaqa' man-nies fir-realtajiet tagħhom, li tieqaf tisma' u tikkunsidra l-kumplessità tal-ħajja miżżewġa, li tirrispetta u tifforma l-kuxjenza tal-individwu meta ffaċċjat b'deċiżjonijiet ta' natura morali. Li toffri ferħ u mħabba



fejn dawn huma nieqsa. U l-Knisja hija aħna. Mhuwiex il-bini sabiħ tat-tempju li fih niltaqgħu nhar ta' Ħadd, jekk mhux kuljum. Mhijiex l-organizzazzjoni ġerarkika ta' isqfijiet u saċerdoti. Iżda hija aħna lkoll flimkien, ilkoll aħwa fi Kristu[1]. Mela t-talba, l-istedina, tal-Papa hija għalina lkoll, għal kull wieħed u waħda minna.

Irridu noħorġu mill-*comfort zone* tagħna biex bħal Joe tar-rakkont nintebħu u nsiru konxji li l-affarjiet jistgħu jkunu ferm differenti minn kif naħsbuhom aħna. Dan il-Papa Franġisku huwa konxju ħafna tiegħu, fid-dawl ukoll tal-esperjenzi tiegħu fl-Amerka ta' Isfel, fejn il-ħajja miżżewġa u l-ħajja fil-familja għandha sfidi kbar ħafna.

Kien għalhekk importanti li fil-mixja ta' formazzjoni tagħna fil-Gruppi Familji Nsara, naqbdu dan id-dokument u flimkien nibdew niskopruh ftit ftit. Stajna mxejna mal-kapitli wieħed wara l-ieħor, però dehrilna li jkun aktar għaqli li nittrattaw suġġetti partikolari li jitfaċċaw tul l-eżortazzjoni kollha. Użajna l-indiċi tematiku biex individwajna dawn is-suġġeti partikolari filwaqt li qassamniehom fuq tnax-il laqgħa.

Ma jfissirx li b'daqshekk eżawrejna l-Amoris Lætitia. Altru minn hekk! Anzi minn hawn inħeġġukom li taqbdu l-eżortazzjoni f'idejkom u tibdew taqrawha ftit ftit. Inħeġġukom ukoll li fejn fl-Iskema tax-xahar issibu riferenzi għall-qari addizzjonali, li tieħdu s-suġġeriment u flimkien wara l-laqgħa, jew saħansitra qabel waqt it-tħejjija tagħkom għal-laqgħa, tiftħu l-eżortazzjoni u tkomplu tixorbu min-nixxija bnina ta' tagħlim li nsibu fiha.

Jalla li fi tmiem din is-sensiela ta' tnax-il laqgħa, inkunu sirna aktar sensittivi għal dawk ta' madwarna.

1 Ilkoll Aħwa fi Kristu: il-motto ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta 1976 – 2006.

**Il-Kummissjoni Formazzjoni**

Il-Kummissjoni Formazzjoni hi ffurmata minn James u Marica Chappell, Mons. Charles Attard u Emmanuel u Rosanna Falzon. Taw sehemom ukoll Frank Mifsud, Godfrey Scicluna, is-Seminarista Peter Ellul, Mario u Anna Zerafa, Carm u Helen D'Amato, u Anthony Mifsud.

# Messaġġ mill-Koppja President

Għeżież koppji membri u *chaplains*. Din hi l-aħħar darba li qed niktbu dal-messaġġ tagħna fi SKEMI bħala l-Koppja President Nazzjonali tal-Gruppi Familji Nsara. Kienu żewġ termini li tul dawn is-sitt snin fil-kariga sarrafna l-esperjenzi tagħna fil-Gruppi Familji Nsara f'mixja li din is-sena tgħodd 23 sena. U jalla jkollna daqstant snin oħra esperjenzi sbieħ f'dawn il-Gruppi li huma tant għeżież għalina.

Tul dawn is-sitt snin tajna dak kollu li stajna biex il-Gruppi kemm jista' jkun ikomplu jirriflettu l-ħtiġijiet tal-familji tagħna fil-kuntest tas-soċjetà u ż-żminijiet li qed ngħixu fihom. Komplejna nibnu fuq dak li bnew b'mod tant siewi u tajjeb ta' qabilna, filwaqt li flimkien mal-Kumitat Ċentrali esplorajna mezzi ġodda. Il-qofol ta' din il-ħidma kien naturalment dan il-ktieb SKEMI li għal tant u tant snin ilu jiġi ppubblikat kull sena. Huwa l-għodda formattiva l-aktar importanti f'idejn il-koppji membri u għalhekk kien importanti li SKEMI jingħata attenzjoni



partikolari, tant li fl-2013 introduċejna l-paġni bil-kulur biex imbagħad mis-sena ta' wara bdilna totalment id-dehra tiegħu għal dik li għandna llum. L-2013 kienet ukoll is-sena fejn erġajna introduċejna n-*newsletter* tal-Gruppi, taħt format ġdid bl-isem ta' Familja Ħajja. Inħossu li din il-ħolqa ta' komunikazzjoni u ta' sinerġija bejn il-membri u l-Gruppi hija ferm essenzjali.

Daqstant ieħor importanti kien il-kuntatt li ppruvajna kemm jista' jkun li nżommu mal-Gruppi tagħna permezz ta' laqgħat speċifiċi mal-Gruppi, kif ukoll permezz tal-laqgħat li jsiru fuq bażi nazzjonali, fosthom dawk tal-Avvent, tar-



Randan u l-Laqgħa Ġenerali Annwali, filwaqt li introduċejna l-Laqgħa tal-Aġġornament kemm bħala mument importanti ta' formazzjoni fil-bidu ta' sena pastorali ġdida, kif ukoll bħala mument ta' apprezzament żgħir lejn il-ħidma tal-koppji membri u ċ-*chaplains*. Huwa sabiħ li għall-anqas darba fis-sena l-membri kollha jkunu mistiedna biex wara l-laqgħa nieħdu pizza u *drink* flimkien, u ngħidu kelma bejnietna bħala ħbieb bl-istess għan.

Il-mumenti soċjali u l-ħarġiet, bħal dawk kulturali, il-ġurnata Għawdex, u okkażjonijiet soċjali oħra, ukoll jibqgħu mumenti għal qalbna, għalkemm mhux dejjem kien hemm biżżejjed konkorrenza biex dawn isiru aktar regolari. Ma nistgħux ma nsemmux iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum San Valentinu, id-*Dinner Dance* tal-Milied, u għal dawn l-aħħar sentejn il-*Christmas Lunch*, li wkoll kien okkażjoni sabiħa biex niltaqgħu f'ambjent anqas formali.

Kif qalilna Ġesù stess, il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla. Bħala koppji Insara għalhekk, kien importanti li bħala Gruppi flimkien niċċelebraw is-sagrifiċċju tal-quddiesa mhux biss bħala parti minn attività, qabel jew wara xi laqgħa, iżda bħala appuntament speċifiku importanti. Bdejna niċċelebraw il-Jum Internazzjonali tal-Familja f'Mejju billi kull sena nżuru parroċċa partikolari u hemmhekk nipparteċipaw attivament fil-quddiesa mal-komunità tal-lokal u wara niltaqgħu mal-miġemgħa billi norganizzaw kafè fl-apert fuq iz-zuntier. Bdejna wkoll niċċelebraw kif jixraq il-festa tal-Familja Mqaddsa f'Diċembru, permezz ta' quddiesa nazzjonali fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-belt Valletta, iċċelebrata minn Mons. Arċisqof.

Żammejna kuntatt attiv mal-ICCFM, l-*International Confederation of Christian Family Movements* li fiha huma affiljati l-Gruppi Familji Nsara, tant li fl-2015 konna onorati biż-żjara tal-Koppja President Mondjali u l-Koppja President Ewropea. Bdejna ta' kull sena wkoll ngħaddu kopji ta' SKEMI u ta' Familja Ħajja lill-ICCFM biex hekk ir-riżorsi tagħna issa jiffurmaw parti mil-librerija ċentrali tal-konfederazzjoni. Mument importanti kien meta l-Gruppi ssottomejna r-rapport tagħna lill-ICCFM dwar il-qagħda tal-familji Maltin illum, biex dan għadda bħala parti mir-rapport uffiċjali

tal-konfederazzjoni għas-Sinodu dwar il-Familja msejjaħ mill-Papa Franġisku. Tajjeb li nfakkru wkoll li l-ICCFM għandha rappreżentanza attiva fil-Ġnus Magħquda.

Bl-istess mod żammejna ħajja r-rabta mal-Moviment ta' Kana, li tiegħu l-Gruppi huma l-fergħa ewlenija tant li l-Koppja President hija wkoll membru fil-Kunsill tal-Moviment. Hu ferm importanti li dan is-*sense of belonging* mal-Moviment ma jintilifx, anzi jinżamm dejjem ħaj u attiv, għax huwa permezz tal-preżenza tal-Gruppi fil-parroċċi u fl-unitajiet parrokkjali li jista' jasal il-messaġġ tal-Moviment favur iż-żwieġ u l-familja.

Fuq kollox kienu sitt snin ta' ħidma sabiħa; ħidma b'impenn kontinwu. Kien biss is-sens ta' servizz li wassalna biex sitt snin ilu naċċettaw in-nomina għall-kariga ta' Koppja President. U kien biss dan is-sens ta' servizz li żammna għaddejin. Il-formazzjoni tal-membri kienet il-prijorità assoluta tagħna u dejjem dehrilna li r-riżorsi tal-Gruppi, inkluż il-finanzi, għandhom ikunu indirizzati għal dan il-għan. Kienet id-deċiżjoni tagħna li l-finanzi tal-Gruppi jibqgħu tal-Gruppi u ma jintużawx għal safar u spejjeż relatati simili. Jista' jkun li kien hemm min ma qabilx magħna f'din id-deċiżjoni, iżda dan għamilnieh għax b'kuxjenza nħossu li xorta waħda bil-mezzi ta' komunikazzjoni disponibbli llum nistgħu nżommu kuntatt ħaj mal-kollegi tagħna barranin. U fil-fatt hekk kien; il-kuntatt inżamm u nżamm dejjem b'mod attiv.

Finalment nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħdimna magħhom fil-qrib, kemm fil-Kunsill tal-Moviment ta' Kana, u wisq aktar fil-Kumitat Ċentrali tal-Gruppi Familji Nsara. Kien hemm mumenti fejn ma qbilniex u ddiskutejna, kultant anki fit-tul. Nafu fiċ-ċert iżda, li l-intenzjoni ta' kulħadd kienet dejjem waħda tajba u ta' valur. Grazzi lill-koppji membri li emmnu fina u pproponewna għal darbtejn. Grazzi għall-fiduċja lill-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, li nnominana fl-ewwel terminu, u lill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna li nnominana fit-tieni terminu. Fuq kollox u fuq kulħadd grazzi lill-Mulej, lil Ommna Sidtna Marija Sultana tal-Familja u lill-Familja Mqaddsa li permezz tagħhom biss stajna naqdu din il-missjoni fdata f'idejna. Minn qalbna nawguraw lill-Koppja President il-ġdida.

**James u Marica Chappell**
**Koppja President**

# Inkomplu niskopru l-Ferħ tal-Imħabba

**Għeżież.**

Taqra kemm taqra l-Eżortazzjoni tal-Papa Franġisku *Amoris Lætitia* dejjem se tinduna li qed tiskopri xi ħaġa ġdida. F'dan id-dokument il-Papa jagħti programm wiesa' ħafna ta' ħidma pastorali għall-familja. Għalhekk *Amoris Lætitia* nistgħu nsejħulha t-*text book* li għandu jkollha kull familja u b'mod partikulari kull koppja miżżewġa Nisranija.



Dan kien il-ħsieb tal-Kummissjoni Skemi fi ħdan il-Kumitat Ċentrali tal-Gruppi Familji Nsara. Għalhekk din is-sena se nieħdu temi speċifiċi minn din l-Eżortazzjoni u se niffukaw fuqhom.

Mhux l-ewwel u t-tieni darba li smajt min jikkritika dawn l-iskemi. Issib min jgħidlek li l-iskemi ħafna drabi jkun fihom ħafna qari imma ftit punti ta' diskussjoni. Nemmen li l-Kummissjoni Skemi dejjem tipprova tagħmel dak li tista' biex id-diskussjoni tkun ħajja u parteċipattiva. Għalhekk din is-sena ppruvajna li ndaħħlu iktar punti għad-diskussjoni fil-grupp.

Min-naħa l-oħra rrid nagħmel sejħa lill-membri kollha tal-Gruppi Familji Nsara fil-parroċċi biex niġu għal-laqgħat ippreparati. Kultant ninnota li x'uħud mill-membri lanqas biss ikunu qraw l-iskema tal-laqgħa li jkun imiss. Il-konsegwenza ta' dan tkun li waqt id-diskussjoni noħorġu mis-suġġett tal-laqgħa.

Il-Kummissjoni tipprova tagħmel l-almu tagħha biex tipprovdi riżorsi adekwati ħalli d-diskussjoni fil-grupp tkun diskussjoni attiva u bil-parteċipazzjoni ta' kulħadd.

It-temi li ħadna din is-sena huma dawk li dehrilna li huma l-aktar li niltaqgħu magħhom fil-ħajja taż-żwieġ u

tal-familja. Dawn ħadnihom mill-Werrej Tematiku fil-verżjoni bil-Malti ta' *Amoris Lætitia.*

Huma temi li jisfidawna. Qegħdin ngħixu f'soċjetà li qed tinbidel il-ħin kollu imma iktar minn hekk qed ngħixu f'soċjetà fejn niftaħru li aħna l-aktar liberali fid-dinja, fejn kif jgħidilna l-Papa Franġisku, kollox sar proviżorju anke żwieġ kif iridu Alla; fejn l-apprezzament għall-valur tal-ħajja qed jonqos bil-mod il-mod; fejn niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet komplessi li qed jgħixu fihom ċerti koppji li ż-żwieġ tagħhom falla.

Huma wkoll temi li għandna bżonn fir-relazzjoni bħala koppja avolja għaddew diversi snin ġmielhom fiż-żwieġ: il-ferħ fil-ħajja miżżewġa, id-djalogu, il-formazzjoni dejjem sejra, l-edukazzjoni.

Imbagħad hemm temi ta' natura spiritwali: il-qari tal-Kelma ta' Alla, l-Ewkaristija, il-valur tal-ħniena fl-għajxien tal-imħabba vera.

Infakkar li l-iskemi huma biss għodda f'idejn il-Gruppi Familji Nsara fil-parroċċi. Jista' jkun li mhix l-unika għodda u lanqas l-iktar għodda perfetta għall-formazzjoni, imma nemmen li minkejja d-difetti kollha li jista' jkun hemm f'dawn l-iskemi, xorta jibqgħu riżorsa valida ħafna għall-formazzjoni tal-koppji mhux biss fil-Gruppi Familji Nsara imma għall-koppji miżżewġin Insara u għall-katekeżi tal-adulti Insara.

Nitlob lill-Madonna ta' Kana ħalli tbierek il-laqgħat tagħkom.

**Il-Paċi magħkom.**

**Mons. Charles Attard**
***Chaplain* Nazzjonali**
**Gruppi Familji Nsara**

# Irtir – Amoris Lætitia

## Riflessjoni fuq l-Amoris Lætitia, b'għajnuna għad-diskussjoni u t-talb.

**Id-diskussjonijiet jistgħu jsiru jew bejn il-koppja, jew bejn il-grupp kollu.
It-talb għandu jsir b'mod individwali jew bħala koppja.**

**Sezzjoni 1 – Il-Familja, minn fejn ġejja?**

**Sezzjoni 2 – Dak li jżommna lura**

**Sezzjoni 3 – Iż-Żwieġ x'inhu?**

**Sezzjoni 4 – L-Ispiritwalità tal-Familja – Lejn fejn sejrin?**



# Sezzjoni 1

### Introduzzjoni –
### Il-Familja minn fejn ġejja?

Il-familja, dejjem kienet u għada l-prijorità tal-Knisja għaliex il-ġejjieni tal-bniedem jiddependi fuq il-familja. Il-familja hi ċ-ċellula fundamentali tas-soċjetà għaliex il-ġejjieni tal-bniedem jinkludi dak kollu li għandu x'jaqsam mal-identità tagħna, l-aspirazzjonijiet tagħna, u t-twettiq tar-rieda ta' Alla.

L-isem tal-Eżortazzjoni Amoris Lætitia (AL), hu simili ħafna tal-isem tal-Eżortazzjoni preċedenti ta' Papa Franġisku, Evangelii Gaudium (EG). X'qed jifhem il-Papa bil-kliem: *gaudium, lætitia?* Il-kelma 'ferħ' hi waħda mill-iżjed kliem użata mill-Papa. Kif kiteb hu stess: "Il-ferħ tal-Evanġelju jimla' l-qalb u l-ħajja kollha ta' dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù. Dawk li jħallu lilu jsalvahom, jinħelsu mid-dnub, min-niket, mill-vojt ġewwieni, mill-iżolament. Ma' Ġesù Kristu dejjem jitwieled u jerġa' jitwieled mill-ġdid il-ferħ." (EG 1) Dan il-ferħ hu ferħ li ġej mill-Ispirtu s-Santu. Kompla jikteb, "Ma ngħejja qatt intenni kliem Benedittu XVI li jeħodna fil-qalba tal-Evanġelju: "Bħala bidu għall-eżistenza Nisranija m'hemmx xi deċiżjoni etika jew xi idea għolja, iżda hemm il-laqgħa ma' ġrajja, ma' Persuna, li tagħti lill-ħajja orizzont ġdid u direzzjoni deċiżiva." (EG 7)

Il-kelma *Amoris Lætitia* kienet użata minn Papa Benedittu XVI fil-*motu proprio Porta Fidei,* li bih introduċa s-sena tal-fidi: "Il-ferħ tal-imħabba, it-tweġiba għan-niket tat-tbatija u l-uġigħ, il-qawwa tal-maħfra quddiem il-weġgħat li nirċievu u r-rebħa tal-ħajja quddiem il-vojt tal-mewt, dan kollu jsib it-tmiem tiegħu fil-misteru tal-Inkarnazzjoni, fih li sar bniedem, qasam magħna l-miżerja umana u bidilha bil-qawwa tal-qawmien tiegħu. Fih, li miet u rxoxta biex isalvana, l-eżempji tal-fidi li mmarkaw dawn l-elfejn sena tal-istorja tas-salvazzjoni tagħna jsibu dawl sħiħ." (PF 13)

### Fejn Qegħdin?

Bħalma jiġri f'kull qasam ieħor, meta wieħed jikteb fuq il-familja, wieħed għandu janalizza b'għajnuna ta' esperti fix-xjenzi soċjali dak li jkun għaddej f'dak iż-żmien speċifiku. Din hi r-responsabbiltà tal-Papa, tat-teoloġi, isqfijiet u saċerdoti

li jaqraw iż-żminijiet – "huwa dmir tal-Knisja li l-ħin kollu teżamina s-sinjali taż-żminijiet u tinterpretahom fid-dawl tal-Evanġelju, u hekk, b'manjiera addattata għal kull ġenerazzjoni, tkun tista' twieġeb għal dak li l-bnedmin dejjem jistaqsu dwar is-sens tal-ħajja ta' issa u tal-ħajja li għad trid tiġi, u kif dawn għandhom x'jaqsmu ma' xulxin." (GS 4) F'dan id-dawl il-Papa, fl-*Amoris Lætitia* jikteb fuq is-sitwazzjoni li qed ngħixu fiha, iżda dejjem imdawwal mit-tagħlim tal-Knisja.

**Fid-Dawl tal-Kelma**

Il-Papa jibda din l-eżortazzjoni billi jirreferi għall-kelma ta' Alla. Minflok jislet liġijiet mill-Bibbja, il-Papa jħares lejn l-istejjer, u l-mużajk sabiħ li jinħoloq meta dawn l-istejjer jinqraw flimkien. Papa Franġisku jikteb li, "Il-Bibbja hi miżgħuda b'familji, b'episodji ta' twelid, bi stejjer ta' mħabba u ta' kriżijiet fil-familji, u dan sa mill-ewwel paġna, fejn tidħol fix-xena l-familja ta' Adam u Eva." (AL 8) Infatti, il-kelma ta' Alla "mhix sekwenza ta' teoriji fl-arja, imma sieħba fil-vjaġġ anke għall-familji fi kriżi jew li għaddejjin minn xi tbatija, u turihom id-destinazzjoni tal-mixja, meta Alla għad "jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed." (Apok. 21:4)" Ix-xewqa tal-Papa hi li kull koppja tagħmel il-kelma ta' Alla, l-istorja tagħha, għaliex fiha wieħed isib l-ideal; ix-xewqa ta' Alla ta' kif għandha tkun familja, kif ukoll "ir-realtà qarsa li tmiss l-Iskrittura Mqaddsa kollha. Din hi l-preżenza tat-tbatija, tal-ħażen, tal-vjolenza li jifnu lill-familja u l-komunjoni intima tagħha ta' ħajja u ta' mħabba." (AL 19)

Il-kelma ta' Alla hi neċessarja u ċentrali għaliex il-kelma ta' Alla tidderieġi d-dixxerniment. Hi tifforma l-moħħna, lil qalbna u r-rieda tagħna kif jixtieq Alla u tilliberana mir-riġidità quddiem ir-realtà.
Il-Papa Franġisku fl-ewwel kapitlu jirreferi għal Salm 128, li jintuża kemm fir-rit Lhudi taż-żwiġijiet u ġieli wkoll fir-rit Kattoliku. Il-Papa, mill-ewwel paġni ta' din l-Eżortazzjoni qed ipoġġi quddiemna ż-żwieġ bħala dak il-vjaġġ tal-ħolm li jagħti tama u bidu ġdid.

**F'Salm 128 insibu miktub:**

Hieni kull min jibża' mill-Mulej,
kull min jimxi fit-triqat tiegħu!
Mix-xogħol ta' jdejk inti tiekol;
hieni int, u risqek tajjeb!
Martek tkun bħal dielja għammiela
fl-irkejjen ta' darek;
uliedek bħal xitel taż-żebbuġ
madwar il-mejda tiegħek.

Ara, kif ikun imbierek il-bniedem
li jibża' mill-Mulej!
Ibierkek il-Mulej minn Sijon!
Jalla tara l-ġid ta' Ġerusalemm
tul ħajtek kollha!
Jalla tara wlied uliedek!
Sliem għal Iżrael!

F'dan is-salm insibu ħafna simboliżmu. Il-mara hi mqabbla ma' "dielja għammiela". Id-dielja hi pjanta li tipproduċi l-għeneb, għalkemm hi siġra dgħajfa u għandha bżonn is-*support*, għandha valur kbir għaliex tagħti l-frott, u ħafna kienu jemmnu li hi s-siġra tal-għerf. Il-post tal-mara hu fid-dar mar-raġel mhux sempliċiment biex tiġġenera l-familja, iżda għaliex hi, flimkien mar-raġel tagħha, tgħaqqad il-familja. F'dan is-salm, it-tfal huma mqabbla max-xitel taż-żebbuġ. Bħaż-"żejt qaddis tal-konsagrazzjoni" li qattar mad-daqna ta' Aaron, bl-istess mod, fit-tfal, iż-żejt tal-konsagrazzjoni diġà qiegħed inixxi fihom, u għalhekk mhumiex maqtugħin minnu, iżda jagħmlu parti minn din il-familja kbira.

Il-Papa fid-dokument jagħmel enfasi kbir fuq il-frott tal-imħabba. (AL 8, 11, 14) Anke jekk il-koppja ma jkollhiex tfal, xorta waħda ż-żwieġ tagħhom hu sagrament daqs ta' ħaddieħor. It-tfal fiż-żwieġ huma importanti, imma mhumiex kollox, għaliex fl-aħħar mill-aħħar hi l-imħabba ta' bejn il-koppja li hi l-qafas taż-żwieġ.

Papa Franġisku jqabbel l-istorja tal-ħolqien fil-Ġenesi kapitli 1 u 2 ma' żewġ testi Bibliċi oħra: l-Għanja tal-Għanjiet, li jiċċelebra l-imħabba passjonali, u Salm 63, li jinkludi l-frażi "Miegħek tingħaqad ruħi." (AL 12-13) Iħeġġiġna nirriflettu wkoll fuq il-koppja bħala ikona: "il-koppja li tħobb u tnissel il-ħajja hi l-'ikona' vera u ħajja, u taf turi lil Alla bħala ħallieq u feddej." L-istorja tas-salvazzjoni twarrad għaliex il-koppja jkollha l-ulied. U minħabba f'hekk, "ir-relazzjoni għammiela tal-koppja ssir xbieha biex nistgħu niskopru u nfissru l-misteru ta' Alla, fundamentali

fil-viżjoni Nisranija tat-Trinità li f'Alla tikkontempla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu ta' mħabba." Infatti l-familja hi mera ta' din l-imħabba trinitarja. (AL 11) Kif tindika l-Iskrittura, ir-relazzjoni bejn raġel u mara fiha dimensjonijiet sesswali, korporali u għotja sħiħa. Kif insibu miktub fl-Għanja tal-Għanjiet, "Hu tiegħi l-maħbub tiegħi, jiena tiegħu [...] Jien tal-maħbub, u tiegħi l-maħbub tiegħi." (2:16; 6:3)

Il-Papa jirreferi għall-Iskrittura biex jifhem il-morali tal-familja. Il-familji Nsara fid-djar tagħhom għandhom ikunu l-post, fejn kemm l-adulti kif ukoll it-tfal huma ppreparati biex jieħdu l-*ethos* tat-Testment il-Ġdid magħhom fid-dinja. X'inhu l-*ethos* bibliku? Il-Papa ma jillimitax id-diskors tiegħu biss fuq "valuri tal-familja" għaliex l-*ethos* bibliku hu ħafna usa minn hekk. Hu jiffoka fuq il-messaġġ ċentrali – l-imħabba enormi li Ġesù għandu għalina. Il-parabboli, fost l-oħrajn, huma eżempju ta' dan. Il-Papa jikteb li Ġesù "jaf x'inhuma t-tħassib u t-tensjonijiet tal-familji u jdaħħalhom fil-parabboli tiegħu: mill-ulied li jħallu d-dar ifittxu ħajja ta' avventura (ara Lq. 15:11-32) sal-ulied diffiċli bi mġibiet inspjegabbli (ara Mt. 21:28-31) jew vittmi ta' vjolenza (ara Mk. 12:1-9). U jinkwieta wkoll għat-tieġ li jirriskja li jsir ħaġa imbarazzanti minħabba fin-nuqqas ta' nbid (ara Ġw. 2:1-10) jew minħabba r-rifjut tal-mistiedna (ara Mt. 22:1-10), u jaf ukoll x'għali kbir hu għall-familja fqira li tilfet munita (ara Lq. 15:8-10). (AL 21)

**MISTOQSIJA**

Il-familja tiegħek kif iffurmajtha fi Knisja domestika?
Il-familja tiegħek xi tgħidlek fuq in-natura ta' Alla?

**SUĠĠERIMENTI GĦAT-TALB**

Irrifletti fuq xi parabbola. Immaġina li int xi persunaġġ f'din l-istorja. Immaġina x'kont taħseb u tħoss, u pprova tkellem ftit ma' Ġesù fuq dan.

# Sezzjoni 2

**Dak li jżommna lura...**

Il-Papa jindika wkoll kif fl-Iskrittura nsibu nies li jbatu u li jesperjenzaw problemi fiż-żwieġ. Fil-bidu tal-ktieb tal-Ġenesi nsibu kif Kajjin qatel lil ħuh Abel. Barra minn hekk wieħed isib "tant tilwim bejn l-ulied u bejn il-miżżewġin fl-istejjer tal-patrijarki Abraham, Iżakk u Ġakobb, biex imbagħad naslu għat-traġedji li jċappsu bid-demm lil-familja ta' David, sal-kotra ta' diffikultajiet familjari li nsibu fir-rakkont ta' Tobija jew l-istqarrija kiebja ta' Ġob li jħossu mitluq għalih waħdu: "Ħadli 'l ħuti 'l bogħod minni. Ħbiebi saruli barranin [...] Nifsi jqażżeż lil marti, sirt ninten għal nies dari." (Ġob 19:13,17)" (AL 20)

Fid-dinja mhux kollox hu ward u żahar. Mill-introduzzjoni l-Papa kien ċar li ma jridx li dan id-dokument ikun biss sempliċiment ġabra tat-tagħlim tal-Knisja fuq il-familja. Iżda jrid li jiffoka fuq iż-żmien tal-lum. Interessanti ferm kif f'paragrafu 36 donnu jiskuża ruħu għall-mod li l-Knisja ffukat fuq "idealizzazzjoni żejda, fuq kollox meta ma qanqalniex il-fiduċja fil-grazzja, ma għenitx biex iż-żwieġ jibqa' jidher bħala ħaġa mixtieqa u attraenti imma ħalliet l-effett kuntrarji." (AL 36) Il-Papa jitkellem fuq ċertu realtajiet:

**Mod ta' ħsieb**

Il-Papa jikteb fuq l-individwaliżmu li jdgħajjef ir-relazzjonijiet fil-familji, u anke kultura individwalista. (AL 32, 33) Irid jafferma l-importanza tal-libertà tal-espressjoni filwaqt li jagħmel żgur li l-ħajja li qegħdin nagħżlu hi tajba u ġeneruża. Huwa inkwetat fuq x'jiġri meta l-esklussività u l-istabbiltà li tant huma neċessarji fiż-żwieġ jingħelbu minn xewqat individwalisti. (AL 34)

**Strutturi soċjali mhux tajbin**

Il-Papa jirrikonoxxi strutturi soċjali li huma problematiċi u li jagħmlu ż-żwieġ iktar diffiċli biex iżomm bħal nuqqas ta' post fejn jgħixu, u pagi batuti. L-importanti hu li wieħed jirrealizza li hemm affarijiet oltre mill-kontroll tal-familja u li jagħmlu l-ħajja diffiċli.

**Stress komuni fil-familji**

Din is-sezzjoni tirreferi għal dawk l-affarijiet li tniżżlu fis-survey li sar. Fost dawn insibu:

- "tendenzi kulturali li bħal donnhom jimponu affettività mingħajr limiti fid-dinja tal-lum, [...] affettività narċisista, instabbli u li tinbidel, li mhux dejjem tgħin lis-suġġetti jilħqu maturità ogħla." (AL 41)
- "ċertu tixrid tal-pornografija u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-ġisem, misjuq ukoll minn użu ħażin tal-internet" u għas-"sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li jiġu obbligati jipprattikaw il-prostituzzjoni." (AL 41)
- Is-soċjetà tal-konsum tista' wkoll taqta' qalb il-persuni milli jġibu l-ulied fid-dinja anke sempliċement minħabba l-fatt li jridu jħarsulhom il-libertà tagħhom u l-istil ta' ħajjithom." (AL 42)
- "Ħafna huma t-tfal li qed jitwieldu barra miż-żwieġ, speċjalment f'xi pajjiżi, u ħafna huma dawk li mbagħad jikbru b'ġenitur wieħed biss jew f'kuntest familjari mwessa' jew imwaqqaf mill-ġdid." (AL 45)
- L-immigrazzjoni "tirrappreżenta sinjal ieħor taż-żminijiet li jeħtieġ naffrontaw u nifhmu, billi nifhmu l-konsegwenzi kollha li din tħalli fuq il-ħajja tal-familja." (AL 46)

Il-Papa jikteb: "Fil-qagħdiet diffiċli li għaddejjin minnhom dawk l-iżjed fil-bżonn, il-Knisja jeħtieġ tfittex b'mod speċjali kif tifhem, tfarraġ, tintegra, u tevita li timponi fuqhom serje ta' normi bħallikieku kienu tal-ġebel, ħaġa li ġġagħalhom iħossuhom iġġudikati u mitluqa sewwasew minn dik l-Omm li hi msejħa twasslilhom il-ħniena ta' Alla. Hekk, flok joffrilhom il-qawwa tal-grazzja li tista' tfejjaqhom u d-dawl tal-Evanġelju, hemm min irid "jinduttrina" l-Evanġelju, u jibdlu f'"ġebel mejjet biex iwaddbu għall-oħrajn"." (AL 49) Fid-dawl ta' dan, importanti li aħna wkoll għandna nkunu t'għajnuna għal min jinsab fi problemi.

Papa Franġisku jinsisti li l-Knisja trid titgħallem mid-dinja u trid tirrispetta l-kuxjenza tan-nies ta' fidi. Il-Papa jinsisti li ż-żwieġ mhuwiex "tagħbija" iżda "mixja dinamika li fiha wieħed jikber u jwettaq lilu nnifsu." (AL 37) Infatti, din hi li ħafna jfittxu, tweġiba għad-dwejjaq tagħhom.

Il-familja hi fuq vjaġġ, u matul il-vjaġġ ħadd qatt ma jista' jasal għall-perfezzjoni. Hu meta tasal fl-aħħar ta' dan il-vjaġġ, li l-familja tasal għall-għan tal-eżistenza tagħha; meta "jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed

mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed." (Apok. 21:4). Fl-aħħar ta' din l-eżortazzjoni l-Papa kiteb:

"... l-ebda familja mhi realtà perfetta, imgeżwra u lesta b'kollox, imma titlob żvilupp gradwali tal-ħila ta' kull wieħed u waħda li jħobb aktar. Hemm sejħa kontinwa ħierġa mill-komunjoni sħiħa tat-Trinità, mill-għaqda tal-għaġeb bejn Kristu u l-Knisja tiegħu, minn dik il-komunità sabiħa li hi l-Familja ta' Nazaret u mill-fraternità bla nikta li teżisti bejn il-qaddisin tas-Sema." (AL 325)

**MISTOQSIJIET**

Il-Knisja, f'dan ir-rigward, x'għad għandha bżonn titgħallem?
Taħseb li l-ħajja tal-familja tista' tgħidilna xi ħaġa fuq min hu Alla? Tiftakar f'xi esperjenza minn dawn? Tista' l-familja tqajjem mistoqsijiet diffiċli fuq min hu Alla?

**SUĠĠERIMENTI GĦAT-TALB**

Irrifletti fuq il-ġrajja tal-Preżentazzjoni fit-Tempju: Luqa 2:22-40 – Immaġina li int Ġużeppi jew Marija, u immaġina x'kont tħoss f'din is-sitwazzjoni.
Aħseb ftit fejn qed tonqos u ara kif tista' tirranġa.



"Jekk ma tikkomunikax kuljum mal-mara/mar-raġel tiegħek, tkun qed tagħmel minnha/minnu sempliċi ħabib flok sieħba/sieħeb tal-qalb."

# Sezzjoni 3

**Iż-Żwieġ x'inhu?**

Il-Papa jirreferi għal numru ta' testi tal-Papiet preċedenti li jirreferu għall-importanza taż-żwieġ u l-intimità. Jirreferi għall-*Humanæ Vitæ* tal-Papa Pawlu VI li f'dan id-dokument jitfa' dawl intrinsiku fuq l-imħabba konjugali u t-tnissil tal-ħajja, kif ukoll għal *Evangelii Nuntiandi* li fiha juri x'inhi r-relazzjoni bejn il-familja u l-Knisja. Papa Ġwanni Pawlu II sejjaħ lill-familja "triq tal-Knisja". Papa Benedittu XVI ukoll, fl-Enċiklika *Deus caritas est,* jirreferi għat-tema "tal-verità tal-imħabba bejn raġel u mara, li tiddawwal b'mod sħiħ biss mid-dawl tal-imħabba ta' Kristu msallab. Hu jinsisti: 'Iż-żwieġ imsejjes fuq l-imħabba esklussiva u definita jsir ix-xbieha (ikona) tar-relazzjoni ta' Alla mal-poplu tiegħu u tal-poplu ma' Alla; il-mod kif Alla jħobb isir il-kejl tal-imħabba umana.' Barra minn hekk, fl-Enċiklika *Caritas in veritate*, juri l-importanza tal-imħabba bħala l-prinċipju tal-ħajja fis-soċjetà, post fejn wieħed jitgħallem l-esperjenza tal-ġid komuni." (AL 69-70)

Il-ħajja reliġjuża jew saċerdotali mhijiex l-uniku vokazzjoni, iżda anke l-ħajja miżżewġa hi vokazzjoni li tista' twassal għall-ħajja ta' qdusija. Il-ħajja miżżewġa, kif jikteb Richard Gaillardetz ukoll tinvolvi konverżjoni, sagifiċċju u rieda li tinbidel għall-persuna l-oħra. Il-Papa wkoll ifiehem x'inhu ż-żwieġ bħala sagrament. Dan jagħmlu b'mod speċjali f'paragrafi 71-73, fejn f'paragrafu 71 huwa jirrepeti dak li tgħid l-Iskrittura u t-Tradizzjoni. Il-Papa jfakkar li l-miżżewġin "huma għal xulxin u għal uliedhom ix-xhieda ta' dik is-salvazzjoni, li fiha jagħtihom sehem is-sagrament taż-żwieġ." (AL 72) Dan jinvolvi għażliet umani, għalhekk hi "analoġija imperfetta" u għalhekk "tistedinna nitolbu lill-Mulej isawwab imħabbtu fuq il-limiti tar-relazzjonijiet tal-miżżewġin." (AL 73) L-għażliet umani għandhom isiru b'dixxerniment tajjeb. Dan x'inhu?

Ix-xewqa ta' kull Nisrani hi li jara wiċċ Alla, u sakemm inkunu f'din id-dinja, dan hu diffiċli ħafna. Iżda d-dixxerniment jgħin fil-proċess li wieħed jagħmel ir-rieda t'Alla, infatti d-definizzjoni tal-kelma dixxerniment hi:

> Proċess ta' esperjenza li, megħjunin mill-Ispirtu s-Santu, nagħmlu biex nagħrfu r-rieda ta' Alla. Ngħarblu

l-effetti li l-movimenti jew sentimenti interjuri jqajmu fina biex nagħrfu humiex ġejjin mill-ispirtu t-tajjeb jew il-ħażin. Fid-dawl tal-istess Spirtu Qaddis nagħrfu nwieżnu r-raġunijiet favur jew kontra u nagħżlu bejniethom.

Dan il-proċess għandu jsir kontinwament, mhux meta jkun hemm xi problema biss. Il-koppja dejjem għandha tara li dak li qed tagħmel hu verament ir-rieda ta' Alla. Dan tagħmlu kemm bi trobbija tajba għat-tfal kif ukoll billi tagħmilha ta' qaddejja fid-dinja. Dan għaliex, "l-imħabba dejjem tagħti l-ħajja." (AL 165)

Importanti ferm li l-ħajja Nisranija ma tkunx frammentata f'moralità legalistika, li taċċenna fuq dak li jidher biss minn barra, filwaqt li tinjora ħajja interjuri li jaf tkun saret xi ftit individwalista. Hu neċessarju għan-Nisrani li dak li jidher minn barra jkun verament qed jirrifletti dak li hemm fuq ġewwa kemm fil-familja, kif ukoll fil-kultura, u l-iktar post importanti hu fil-Knisja.

**Trobbija**

Il-Papa jagħmel enfasi wkoll fuq it-tfal. Jikteb li "ż-żwieġ hu qabel xejn "għaqda intima tal-ħajja u tal-imħabba bejn il-miżżewġin" li hi ta' fejda għall-miżżewġin infushom, u s-sesswalità "qiegħda għall-imħabba tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ"." Dawk il-miżżewġin li ma jkollhomx tfal ukoll "jista' jkollhom ħajja fiż-żwieġ li tkun tfisser ħafna għalihom kemm bħala bnedmin u kemm bħala Nsara." Infatti dawk il-miżżewġin li jkollhom it-tfal ma jkunux qegħdin "iżidu mal-imħabba tal-miżżewġin bejniethom," iżda din "toħroġ mill-qalba stess tal-għoti tal-miżżewġin lil xulxin u hija frott ta' dan l-għoti lil xulxin." (AL 80)

Id-diskussjoni tradizzjonali tinvolvi l-inklużjoni tal-kreazzjoni, adozzjoni, u l-magħmudija – "il-familja hi l-post fejn mhux biss jitnisslu l-ulied imma anke tiġi milqugħa l-ħajja li tasal bħala don mingħand Alla." Hu jitkeb li l-"ulied huma maħbuba qabel jaslu" għaliex hu dejjem Alla "li jieħu l-inizjattiva, għax l-ulied "huma maħbubin qabel ma jkunu għamlu xi ħaġa biex jimmeritaw din l-imħabba." Anke "l-adozzjoni hi triq għat-twettiq tal-maternità u l-paternità b'mod ġeneruż ħafna." Infatti hu jħeġġeġ ħafna "lil dawk li ma jistax ikollhom ulied biex iwessgħu u jiftħu l-imħabba tagħhom ta' miżżewġin

biex jilqgħu fiha lil dawk li huma mċaħħda minn ambjent xieraq ta' familja." (AL 179) Il-ġenituri kollha għandhom xi pjan għat-tfal tagħhom, iżda n-Nisrani fil-magħmudija jafda lit-tfal tiegħu lil Alla (AL 169), għaliex fl-aħħar mill-aħħar it-tfal jappartjenu lil Alla. Il-ġenituri huma msejħa biex jaċċettaw l-ulied "bla kundizzjonijiet" u b'idejhom miftuħa t-tnejn. Il-Papa juri li hu konxju tad-diffikultajiet li qed jikbru biex wieħed irabbi t-tfal b'mod tajjeb, iżda jsejjaħ lill-familji biex jipproteġu lil uliedhom, biex jiddedikaw aktar ħin mat-tfal, biex jitkellmu magħhom dwar affarijiet importanti, biex isibulhom modi sani ta' kif iqattgħu l-ħin. (AL 260) Il-Papa jsemmi mezzi mill-aktar sempliċi li jistgħu jgħinu lill-familja, bħalma huma l-kliem "jekk jogħġbok", "grazzi", u "skużi". (AL 266)

## DISKUSSJONI

Il-Papa jikteb li "l-familja m'għandha qatt tara lilha nfisha bħala biċċa art magħluqa bejn il-ħitan biex tipproteġi ruħha mis-soċjetà." Kif jikteb Mario Benedetti:

"Dirgħajk huma tmellisa għalija,  
l-armonija fil-ħajja ta' kuljum tiegħi;  
inħobbok għax dirgħajk  
iħabirku għall-ġustizzja.  
Jekk inħobbok, dan għax int  
imħabbti, seħibti u kollox,  
u fit-triq, id f'id, aħna ħafna  
iktar minn tnejn." (AL 181)

Aħseb ftit fuq din il-poeżija! Il-poeta jirrifletti fuq l-imħabba Nisranija bejn koppja li taħdem għall-ġustizzja. Il-koppja magħmula mir-raġel u l-mara jaħdmu għal xi ħaġa li tmur 'l hemm minnhom infushom. Il-Papa jwissi ftit wara li "l-ebda familja ma tista' tagħti l-frott jekk taħseb li hi wisq differenti jew "separata"." (AL 182) Għalik x'jiġifieri takkumpanja koppja li għadha fl-ewwel snin tal-ħajja miżżewġa? X'jagħtik awtorità tagħmel dan?

## SUĠĠERIMENT GĦAT-TALB

Irrifletti kif iż-żwieġ tagħkom jista' jkun ikona għall-oħrajn.
Aħseb ftit fuqek innifsek: inti bniedem li dejjem tiġġudika u tqis iswed jew abjad? Jew lest li tgħin lil dawk li għandhom xi problemi fiż-żwieġ tagħhom?



**“F’kull nuqqas ta’ ftehim mal-mara/mar-raġel, ftakar li m’hemmx u la rebbieħ u lanqas tellief. Intom magħqudin f’kollox u allura jew tirbħu flimkien inkella titilfu flimkien. Aħdmu flimkien biex issibu s-soluzzjoni li biha tirbħu t-tnejn li intom.”**

# Sezzjoni 4

## L-Ispiritwalità tal-Familja – Lejn fejn sejrin?

Il-familja tista' tevanġelizza billi hi stess tkun xhud tal-imħabba ta' Kristu. Papa Franġisku hu ċar – familja tista' tkun ta' skandlu bil-mod li bih tgħix. Irridu lkoll nistaqsu kemm qed inħallu frott.

Fid-disa' kapitlu l-Papa jikteb fuq l-ispiritwalità tal-koppja. Hu jirreferi għal dawn il-punti prinċipali:

- **Spiritwalità tal-komunjoni sopranaturali**

Dejjem għedna li Alla jgħammar fil-qalb tal-persuna li tgħix fil-grazzja tiegħu. Illum nistgħu ngħidu wkoll li t-Trinità hi preżenti fit-tempju tal-komunjoni taż-żwieġ. (AL 314) Il-preżenza tal-Mulej tgħammar fil-familja vera u konkreta, bit-tbatija, it-taqbid, il-ferħ u t-tamiet kollha tal-ħajja tagħha ta' kuljum. (AL 315) Meta familja tgħix tajjeb il-komunjoni tagħha din hi tassew mixja ta' qdusija fil-ħajja ta' kuljum u ta' formazzjoni mistika, mezz li jwassal għall-għaqda intima ma' Alla. (AL 316)

- **Imxerkin fit-talb, għad-dawl tal-misteru tal-Għid**

Jekk il-familja jirnexxilha tinġabar fi Kristu, hu jgħaqqad u jdawwal il-ħajja kollha tal-familja. It-tbatija u l-problemi tgħixhom f'xirka mas-Salib tal-Mulej, u t-tgħanniqa tagħha miegħu tgħinha ġġarrab l-agħar mumenti bis-sabar. Fil-jiem ta' mrar tagħha l-familja tkun magħquda ma' Ġesù abbandunat u hekk ma togħtorx. Min-naħa l-oħra, il-waqtiet ta' ferħ, ta' mistrieħ u ta' ċelebrazzjoni, u anke s-sesswalità, tgħixhom bħala sehem fil-ħajja sħiħa tal-Qawmien tiegħu. Bil-ġesti tagħhom fil-ħajja ta' kuljum il-miżżewġin joħolqu dan l-"ispazju teologali fejn jistgħu jduqu l-preżenza mistika ta' Kristu Rxoxt." (AL 317)

It-talb fil-familja hu mezz ipprivileġġjat biex hi tesprimi u ssaħħaħ din il-fidi tagħha fil-misteru tal-Għid. Nistgħu nsibu ftit minuti kuljum biex ninġabru quddiem il-Mulej ħaj, ngħidulu x'inhu jħassibna, nitolbu għall-ħtiġijiet fil-familja, nitolbu għal xi ħadd li għaddej minn żmien ta' taqtigħ il-qalb, nitolbuh l-għajnuna biex inkunu kapaċi nħobbu, irroddulu ħajr għall-ħajja li tana u għall-ħwejjeġ sbieħ, nitolbu lill-Verġni Mbierka tkenninna taħt il-mant tagħha ta' omm. (AL 318)

- **Spiritwalità tal-imħabba esklussiva u ħielsa**

Fiż-żwieġ ngħixu wkoll is-sens ta' appartenenza sħiħa għal persuna waħda. L-għarajjes jidħlu għall-isfida u x-xenqa li jixjieħu u jitwaħħdu flimkien sal-aħħar u hekk jirriflettu l-fedeltà ta' Alla. (AL 319)

Il-koppja tasal f'punt li tilħaq l-ogħla libertà u ssir spazju ta' awtonomija sana: meta kull wieħed jiskopri li l-ieħor mhuwiex tiegħu, imma għandu sid iżjed importanti, il-Mulej waħdieni tiegħu. L-ispazju esklussiv li kull wieħed u waħda mill-miżżewġin jerfa' għar-relazzjoni personali tiegħu jew tagħha ma' Alla, mhux biss jista' jfejjaq il-ġrieħi tal-ħajja tat-tnejn flimkien, imma jgħinhom individwalment ukoll isibu fl-imħabba ta' Alla t-tifsira ta' ħajjithom kollha. (AL 320)

- **Spiritwalità tal-għożża, tal-faraġ u li tħeġġeġ**

Ejjew nieħdu ħsieb ta' xulxin, inwieżnu u nkebbsu bil-ħeġġa wieħed lill-ieħor, u ngħixu dan kollu hekk kif joħroġ mill-ispiritwalità tal-familja tagħna. (AL 321)

"Bil-qawwa tal-Ispirtu, in-nukleu tal-familja mhux biss jilqa' l-ħajja billi jnissilha fi ħdanu stess, imma jinfetaħ, joħroġ minnu nnifsu biex isawwab il-ġid tiegħu fuq l-oħrajn, biex jara li jfittex il-ferħ tagħhom. Dan il-ftuħ jesprimi ruħu partikularment fl-ospitalità, li l-Kelma ta' Alla tħeġġeġ għaliha b'mod suġġestiv ħafna: "Tinsewx tilqgħu lill-barranin; minħabba f'hekk xi wħud laqgħu l-anġli bla ma kienu jafu." (Lhud 13:2) Meta l-familja tilqa' fi ħdanha, u toħroġ tiltaqa' mal-oħrajn, speċjalment il-foqra u l-imwarrba, hi ssir "simbolu, xhieda, u tisħib fil-ħidma tal-Knisja bħala Omm"." (AL 324)

---

**DISKUSSJONI**

Il-Papa jinsisti li nistgħu ngħallmu l-verità fuq iż-żwieġ, filwaqt li nirrispettaw il-kumplessità tal-ħajjiet tan-nies. Taħseb li din hi xi ħaġa ġdida għalik? Lest li taċċetta anke lil dawk li ż-żwieġ tagħhom qed jinkisrilhom? U lest li tgħinhom?

X'taħseb li l-parroċċa għandha tagħmel biex is-separati u d-divorzjati jħossuhom aktar milqugħa?

---

**SUĠĠERIMENTI GĦAT-TALB**

Irrifletti fuq dawk il-mumenti f'ħajtek li fihom flok urejt ħniena, iġġudikajt.

Hemm xi mumenti f'ħajtek li kont wisq laxk fihom jew wisq iebes miegħek innifsek?

Irrifletti ftit fuq dawn il-mumenti u ara għandekx bżonn taħfer lilek innifsek.
Aħseb ftit, u poġġi fi kliem l-ispiritwalità tal-familja tiegħek.

## Konklużjoni

Dan huwa wieħed mill-itwal dokumenti papali li qatt inkitbu, li fih Papa Franġisku jfehemna fejn Alla qiegħed fil-ħajja tagħna, fil-ferħ u fid-dwejjaq, fl-inġustizzja u l-imperfezzjoni. Il-grazzja li hi preżenti fiż-żwieġ mhijiex xi ħaġa maġika, li ser issolvi kull problema. Sakemm il-bniedem hu imperfett, għalhekk dejjem ser ikun hemm uġigħ, nuqqas ta' ftehim, u individwaliżmu. Imma fl-aħħar mill-aħħar dejjem qiegħed fi vjaġġ ta' qdusija biex isir xbieha ta' Alla f'din id-dinja.

## Eżami tal-Kuxjenza

San Injazju ta' Loyola jħeġġeġ li kuljum isir l-Eżami tal-Kuxjenza għalhekk fl-aħħar ta' dan l-Irtir inħeġġek issib mument ta' silenzju biex tagħmel dan l-eżerċizzju. L-ewwel aqra mill-Ewwel Ittra lill-Korintin (13:4-7):

"L-imħabba taf tistabar u tħenn;
l-imħabba mhijiex għajjura,
ma tintefaħx biha nfisha,
ma titkabbarx fuq l-oħrajn;
ma tagħmilx dak li mhux xieraq;
ma tfittixx dak li hu tagħha,
xejn ma tinkorla;
ma żżommx f'qalbha għad-deni,
ma tifraħx bl-inġustizzja,
imma tifraħ bil-verità;
kollox tagħder, kollox temmen,
kollox tittama, kollox tissaporti."

Flok il-kelma 'mħabba', poġġi l-kelma 'jien' u staqsi: Jien naf nistabar u nħenn?... Wara dan jista' jsir mill-koppja flimkien, u minflok il-kelma 'jien' jużaw il-kelma 'aħna'.

## Proponiment

Fl-aħħar ta' dan l-irtir l-ewwel aħseb int x'tixtieq tbiddel fik innifsek.
Imbagħad bħala koppja araw x'kienet l-iżjed ħaġa li laqtitkom matul dan l-irtir.

# Għajnuna għall-animazzjoni tal-iskemi fil-grupp

**Talba tal-Bidu (ara paġna 111)**

**Qari u diskussjoni dwar it-tema tax-xahar**

Inħeġġu l-koppja mexxejja biex tippjana l-laqgħa minn qabel u tieħu ħsieb biex ikollhom il-faċilitajiet neċessarji biex il-laqgħa tkun animata mill-aħjar possibbli.

Il-laqgħa tista' tieħu forom differenti. Per eżempju, l-ewwel jinqara t-test preżentat fl-iskemi u wara ssir diskussjoni, jew, issir diskussjoni waqt li qed jinqara t-test tal-iskema. Inħeġġu l-membri kollha biex jieħdu ħsieb żgħir magħhom id-dar u jippruvaw jgħixuh matul dak ix-xahar.

**Talb spontanju quddiem Ġesù Ewkaristija**

Il-ħin ta' ġabra u talb fil-grupp hu ħin importanti ħafna fil-laqgħa tal-grupp, u hu propost li nagħmluh f'kull laqgħa fil-preżenza ta' Ġesù Ewkaristija. L-Ewkaristija għandha titwassal mis-Saċerdot f'teka, titqiegħed fuq terħa filwaqt li tinxtegħel xemgħa. Għandna nagħtu importanza lis-skiet, l-adorazzjoni u t-talb spontanju minn dawk preżenti. Wara, jekk is-Saċerdot ma jkunx ser jieħu lura lil Ġesù fil-knisja, l-aħjar li nistiednu lil dawk li ma jkunux tqarbnu matul il-jum biex jirċievu l-ġisem ta' Ġesù.

**Talba tal-Għeluq (ara paġna 112)**



"L-imħabba mhix perfetta. Mhijiex xi storja li ssaħħar jew xi ktieb tal-istejjer u mhux dejjem tiżviluppa b'mod faċli. Li tħobb ifisser li tirbaħ l-ostakli, li tiffaċċja l-isfidi, tissielet li tkunu flimkien, iżżomm sod u qatt ma taqta' qalbek. L-imħabba hija kelma qasira, faċli biex tispelliha imma diffiċli biex tfissirha, u impossibbli li tgħix mingħajrha. L-imħabba hija ħidma, imma fuq kollox, l-imħabba qiegħda filli tirrealizza li kull siegħa, kull minuta, kull sekonda tagħha fiha valur għax dik il-ħidma għamiltuha flimkien."

# Skema - Jannar 2018
# Apprezzament għall-Ħajja

"Alla, ta' safa bla qies u hieni fih innifsu, bi pjan purament ta' tjieba minn rajh ħalaq il-bniedem, biex jagħtih sehem fil-ħajja hienja tiegħu. Hu għalhekk li, f'kull żmien u kullimkien, jersaq lejn il-bniedem. Isejjaħlu, u jgħinu jfittxu, jagħrfu u jħobbu bil-ħila kollha tiegħu. Isejjaħ lill-bnedmin, li d-dnub xerred u fired minn xulxin, biex jiġborhom fil-familja tiegħu, il-Knisja. Dan jagħmlu b'Ibnu li bagħat bħala Feddej u Salvatur fil-milja taż-żminijiet. Fih u bih isejjaħ lill-bnedmin biex, fl-Ispirtu s-Santu, jsiru wlied adottivi tiegħu u għalhekk werrieta tal-ħajja hienja tiegħu." (KKK 1)

Dan huwa l-ewwel kliem li nsibu proprju fl-ewwel paragrafu tad-daħla għall-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. Kliem li jtina l-iskop għall-ħajja tagħna. Ħajja li ġejja minn Alla u li għandha twassalna għand Alla. Mela l-ħajja, mislufa lilna, hija rigal mingħand Alla nnifsu; rigal prezzjuż li għandna nibżgħu għalih sa mill-bidu nett tal-konċepiment. Papa Franġisku jsejjaħ il-familja "s-santwarju tal-ħajja, l-imkien fejn il-ħajja hi mnissla u titqies għażiża..." u jkompli li "tkun kontradizzjoni li tagħmel ħafna ħsara jekk issir l-imkien fejn il-ħajja tiġi miċħuda u meqruda." (AL 83)

"Qabel ma sawwartek fil-ġuf, agħraftek; qabel ma ħriġt minn ħdan ommok, ikkonsagrajtek." (Ġer. 1:5) Kull wild jinsab sa minn dejjem fil-qalb ta' Alla, u fil-mument tat-tnissil isseħħ il-ħolma eterna tal-Ħallieq. Naħsbu ftit f'kemm jiswa l-embriju sa mill-waqt li fih jitnissel! Irridu nħarsu lejh bl-istess ħarsa ta' mħabba tal-Missier, li tara lil hemm minn dak kollu li jidher. (AL 168)

Ta' kull sena niċċelebraw jum it-twelid tagħna, il-*birthday*, il-jum li fih aħna għaddejna mill-ġuf ta' ommna għad-dawl tad-dinja. Iżda fil-verità, konna ilna ngħixu disa' xhur! Qatt nirrealizzaw li meta nitkellmu fuq l-embriju nkunu qed nitkellmu fuq esperjenza personali ħafna? Kull wieħed u waħda minna darba konna embriju. Minn hemm bdejt, hu x'inhu l-istat u l-karigi li tgawdi llum. Jagħmel sens allura meta nitkellmu dwar l-embriju daqs li kieku kien oġġett *disposable*? Min jaf kieku lili, meta kont f'dak l-istat bikri ta' ħajti, qatluni ħesrem permezz ta' pillola ċkejkna li ma flaħtx għaliha? Għaliex tajjeb ngħidu li "MAP (*morning after pill*) li għandha l-effett li tipprevjeni l-ovulazzjoni jew il-fertilizzazzjoni hija kontraċettiva, filwaqt li MAP li tinterrompi l-ħajja wara t-tnissil, hija abortiva."[1]

**X'qalu l-Isqfijiet tagħna fuq il-*morning after pill*:**

**MESSAĠĠ MILL-ISQFIJIET TA' MALTA U GĦAWDEX (18 ta' Ġunju 2016)**

Aħna, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, flimkien ma' tant nies f'pajjiżna li jemmnu fil-valur u d-dinjità tal-ħajja lil hinn mit-twemmin li jħaddnu, irridu nesprimu t-tħassib tagħna għall-Protest Ġudizzjali li tressaq fil-Qrati tagħna mill-Fondazzjoni għad-Drittijiet tal-Mara, biex f'pajjiżna tiġi legalizzata l-pillola *morning-after*.

Napprezzaw li qabilna diġà esprimew dan it-tħassib Għaqdiet u Organizzazzjonijiet u tant u tant oħrajn li fostna għadhom jemmnu li d-dinjità tal-ħajja umana għandha tkun imħarsa u rispettata sa mill-konċepiment.

Nagħmluha ċara li aħna napprezzaw il-ħidma favur id-drittijiet tal-mara fis-soċjetà tagħna biex ikunu rispettati u promossi bla heda r-rwol u d-dinjità tal-mara. Fl-istess waqt, aħna favur id-drittijiet tal-persuna fil-ġuf li għalkemm ma għandhiex qawwa ssemma' leħinha, id-dritt tagħha għal ħajja għandu jiġi mħares bil-qawwa kollha. Għalhekk, aħna naffermaw b'saħħa li l-legalizzazzjoni ta' din il-pillola, li hija f'ħafna każi abortiva, m'għandhiex tkun kwistjoni marbuta mad-drittijiet tal-mara jew sempliċement mas-saħħa riproduttiva tagħha.

Fejn hemm bidu ta' ħajja umana ġdida, hemm kwistjonijiet ferm iktar serji u delikati li jekk ninjorawhom inkunu biss qed nimminaw l-iktar valuri sagri li s-soċjetà u l-konvivenza bejnietna jagħmluhom iktar denji tal-bniedem.

Hu s-sens qawwi ta' umanità u l-fermezza li neħtieġu biex nibqgħu nipproteġu fil-kultura tagħna bħala poplu l-valur u d-dinjità ta' kull ħajja umana sa mill-konċepiment li għandhom jgħaqqduna flimkien quddiem kwistjoni bħal din.

Il-kwistjoni għalina tibqa' l-fibra morali tas-soċjetà tagħna: mingħajrha nkunu nżarmaw mhux biss dak li rċevejna, imma anke nispiċċaw m'għandna xejn x'ngħaddu lil ta' warajna.

1 Moviment ta' Kana – Stqarrija għall-Istampa b'riferenza għad-dikjarazzjonijiet riċenti fis-sens illi wasal iż-żmien biex tiġi legalizzata l-Morning After Pill (MAP). 28/02/2017



“ **Niddiskutu din l-isqarrija fil-grupp.**

Min jaf li kieku lili, bħala embriju, iffriżawni, għax dehrilhom li kont żejjed? Kieku llum x'sar minni? "L-iffriżar tal-embrijuni hu inkompatibbli mar-rispett u d-dinjità li biha għandha tiġi ttrattata l-ħajja umana sa mit-tnissil. L-esperjenza ta' pajjiżi oħra turi illi fejn jitħalla jsir l-iffriżar tal-embrijuni, jiġri li numru kbir ta' ħajjiet umani jinqerdu wara li jagħmlu għadd ta' snin iffriżati." Mhuwiex dak ukoll qtil? Qtil tal-innoċenti?

https://graceuniversity.edu/iip/2015/05/the-ethical-dilemmas-associated-with-frozen-embryos/

**Il-għaliex il-bniedem, fl-għerf kollu tiegħu kif mogħni bih minn Alla, jasal biex jeqred il-ħajja, kemm jekk tkun fil-bidu nett tagħha, permezz tal-abort, kif ukoll fil-għabex tagħha, permezz tal-ewtanasja? Fejn hi t-tama? U jekk Nisrani, bħalna lkoll hawnhekk miġbura f'din il-laqgħa, fejn hi l-fidi? *(Iddiskutu fil-grupp)***

Papa Franġisku għandu kliem sod u iebes dwar dan u huwa ċar fil-missjoni li jagħtina fil-familja tagħna meta jgħid: "Il-familja trid tħares il-ħajja f'kull fażi tagħha u anke fl-għabex tagħha." (AL 83) Jindirizza wkoll sitwazzjonijiet fejn l-istat jindaħal b'mod dirett filwaqt li jiddikjara li "l-Knisja tirrifjuta bis-saħħa kollha tagħha l-interventi kostrinġenti tal-istat favur il-kontraċezzjoni, l-isterilizzazzjoni jew saħansitra l-abort." (AL 42)

Iż-żwieġ huwa mibni fuq l-imħabba, espressa fiżikament bejn il-konjuġi fl-att taż-żwieġ li jista' jwassal biex il-koppja tipparteċipa fil-prokreazzjoni u t-tnissil ta' ħajja ġdida permezz tal-ulied. Iżda l-att minnu nnifsu jagħti l-ħajja lill-koppja nfisha, li jagħtu ruħhom lil xulxin mingħajr xkiel ta' xejn; raġel u mara li permezz tas-sagrament taż-żwieġ jagħtu ħajja u skop lil xulxin f'għotja dejjiema u qawwija ta' mħabba, filwaqt li "jithennew b'xulxin fil-ħajja taż-żwieġ."

Meta nitkellmu dwar l-apprezzament tal-ħajja ma nistgħux ma nitkellmux dwar l-anzjanità, aktar u aktar illum fejn l-anzjani, partikolarment in-nanniet, qed jieħdu sehem attiv u dirett fit-trobbija ta' wlied uliedhom. "Jeħtieġ inqajmu mill-

ġdid is-sens kollettiv ta' gratitudni, ta' apprezzament, ta' ospitalità, li lil min hu anzjan jagħmlu jħossu parti ħajja mill-komunità tiegħu. L-anzjani huma rġiel u nisa, missirijiet u ommijiet li kienu diġà qabilna fl-istess triq tagħna, fl-istess dar tagħna, fil-ġlieda tagħna ta' kuljum għal ħajja xierqa." Ikompli l-Papa: "kemm nixtieq Knisja li kapaċi tisfida lill-kultura tal-iskart bil-ferħ li joħroġ minn tgħanniqa ġdida bejn iż-żgħażagħ u l-anzjani!" (AL 191)

**Il-Papa spiss isemmi il-kultura tal-iskart. X'inhi din il-kultura tal-iskart?**
Hija xewqa li tagħlaq f'ċirku ħelu iċ-ċiklu tal-ħajja. Dak li għadu fil-fjur, fil-bidu, li permezz ta' tgħanniqa jwassal il-ferħ tal-imħabba lil min iħares lura lejn ħajja twila li qed joqrob it-tmiem tagħha. Għax ngħiduha kif inhi, bħalma aħna lkoll bdejna din l-eżistenza tagħna fid-dinja bħala embriju ċkejken, hekk xi darba rridu ngħaddu mill-bieb tal-mewt biex imbagħad verament induqu s-sabiħ tal-ħajja fl-eternità kollha tagħha.

**"Diskussjoni:**
F'din l-iskema rajna diversi punti li jolqtu direttament il-valur u l-apprezzament tal-ħajja. X'għandha tkun l-attitudini tagħna bħala koppji Nsara meta nsibu ruħna f'diskussjonijiet bħal dawn fil-familji tagħna speċjalment fejn hemm iż-żgħażagħ?

Żgur li l-kultura tal-iskart taffettwa ħafna lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna fejn xejn mhu xejn. Kif nistgħu niddiskutu maż-żgħażagħ tagħna il-valur tal-apprezzament?

# Skema - Frar 2018
## Il-Bibbja – fil-ħajja tal-familja

Papa Franġisku jafferma dritt fil-bidu tal-ewwel kapitlu tal-Amoris Lætitia, "Il-Bibbja hi miżgħuda b'familji, b'episodji ta' twelid, bi stejjer ta' mħabba u ta' kriżijiet fil-familji, u dan sa mill-ewwel paġna, fejn tidħol fix-xena l-familja ta' Adam u Eva, bil-vjolenza li nsibu fiha imma anke bil-qawwa tal-ħajja li tkompli (ara Ġen. 4), sal-aħħar paġna fejn naqraw bit-tieġ tal-Għarusa u l-Ħaruf (ara Apok. 21:2,9)." (AL 8) Aktar tard fid-dokument tiegħu, il-Papa jipproklama li l-"Evanġelju tal-familja ilu jterraq fl-istorja tad-dinja, mill-ħolqien tal-bniedem fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla (ara Ġen. 1:26-27), sat-twettiq tal-misteru tal-Patt fi Kristu, sat-temma taż-żmien bil-festa tat-tieġ tal-Ħaruf (ara Apok. 19:9)." (AL 63)

Kif Papa Franġisku jiddikjara fil-messaġġ tiegħu nhar l-Erbgħa, 24 ta' April 2013, waqt il-quddiesa fil-Kappella ta' Santa Marta, "Aħna, nisa u rġiel tal-Knisja, aħna ninsabu f'nofs storja ta' mħabba: kull wieħed minna huwa ħolqa f'din il-katina ta' mħabba. U jekk aħna ma nifhmux din, ma nkunu fhimna xejn ta' x'inhi l-Knisja." Fl-Amoris Lætitia, Franġisku jagħmilha ċara ħafna ta' xi storja ta' mħabba hi din.

X'qed jgħidilna Alla, "fuq kollox" fil-Kelma tiegħu? Li huwa jħobbna.



**Irrakkonta fil-grupp xi esperjenza fuq dak li Alla għamel miegħek. Iddiskuti: Min iħobb tassew ma jħallix waħdu lil min iħobb. Tista' ssemmi xi esperjenzi fil-Bibbja fejn Alla ma ħalliex waħdu lil min iħobb?**

Mhux biss il-Bibbja tibda u tintemm bi żwieġ; fin-nofs għandna ċ-ċelebrazzjoni, bla skossi, tal-unjoni tal-miżżewġin fl-Għanja tal-Għanjiet. Din il-poeżija ta' mħabba tindika finalment l-imħabba divina u turi li Kristu jħobb lill-Knisja tiegħu bħala "wieħed li jħobb bil-ġibda kollha ta' vera mħabba", kiteb il-Papa Benedittu XVI. Tabilħaqq, matul it-Testment il-Qadim, il-profeti "fissru din il-ġibda kbira ta' Alla għall-poplu tiegħu billi użaw xbihat amorużi qawwija." (Alla huwa Imħabba, 9 u 10)

L-ewwel miraklu ta' Kristu huwa f'tieġ. Huwa jsejjaħ lilu nnifsu "l-Għarus". U fil-punt għoli tal-analoġija biblika sħiħa tal-imħabba tal-miżżewġin, San Pawl jiddeskrivi l-unjoni tal-miżżewġin bħala "misteru kbir" li jirreferi għal Kristu u għall-Knisja. "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru - qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja - huwa kbir! (Efes. 5:31-32) Dan il-"misteru kbir", jgħidilna San Ġwanni Pawlu II, huwa "it-tema ċentrali tar-rivelazzjoni kollha, ir-realtà ċentrali tagħha. Huwa dak li Alla, bħala Ħallieq u Missier, jixtieq fuq kollox li jittrażmetti lill-bnedmin fil-Kelma tiegħu." (Udjenza Ġenerali 8/9/1982)

**X'irid jgħidilna Alla fil-Kelma tiegħu?**

Xi jfisser li Alla jixtieq "fuq kollox" jgħidilna fil-Kelma tiegħu? Li huwa jħobbna. Huwa jħobb lilna bħala missier, ħu u ħabib. Imma hu jħobbna b'mod partikolari bħala konjuġi. Fil-fatt, nistgħu nqabblu l-Bibbja kollha b'dawn it-tliet kelmiet: "Alla jrid jiżżewwiġna." Għalhekk mela meta nipproklamaw l-imħabba ta' Kristu lil ħaddieħor, aħna qed nipproklamaw l-imħabba eterna tal-Għarus għall-Għarusa tiegħu u nistednuhom f'din il-komunjoni dejjiema mad-Divin.

Jekk il-Kristjaneżmu ma jkunx inkwadrat bħala tali, eventwalment isir inkomprensibbli u anke bla sens. Aktar minn hekk, jista' saħansitra jiddawwar f'xi ħaġa distruttiva għall-umanità vera tagħna.

Il-Bibbja lill-familja tqisha wkoll bħala l-katedra tal-katekeżi tal-ulied.



Dan jispikka fit-tifsira taċ-ċelebrazzjoni tal-Għid: "Meta mbagħad uliedkom jistaqsukom: "X'inhi din id-drawwa?" intom twieġbuhom: "Dan hu s-sagrifiċċju tal-Għid tal-Mogħdija tal-Mulej, meta hu baqa' għaddej minn nofs id-djar ta' wlied Iżrael fl-Eġittu meta darab lill-Eġizzjani, iżda ħeles lil djarna." Miel il-poplu u ta qima b'wiċċu fl-art." (Eż. 12:26-27). U mbagħad ġie mfisser fir-rakkont djalogat li jsieħeb ir-rit tal-ikla tal-Għid.

"Meta ibnek għada pitgħada jistaqsik, u jgħidlek: "X'inhuma dawn il-preċetti, il-kmandamenti u d-digrieti li takom il-Mulej, Alla tagħna?" int twieġeb lil ibnek: "Konna lsiera tal-Fargħun fl-Eġittu, u ħariġna l-Mulej mill-Eġittu bil-qawwa ta' jdejh. U l-Mulej għamel quddiem għajnejna sinjali u għeġubijiet kbar bi ħsara għall-Eġittu, għall-Fargħun u daru kollha. Lilna ħariġna minn hemm biex iġibna fl-art, u jagħtihielna kif ħalef lil missirijietna. Il-Mulej ordnalna li nħarsu dawn il-kmandamenti kollha u li nibżgħu mill-Mulej, Alla tagħna, biex ikollna r-riżq il-jiem kollha ta' ħajjitna bħalma aħna llum. U dan ikun is-sewwa tagħna: li nqisu li nagħmlu din il-liġi kollha quddiem il-Mulej, Alla tagħna, bħalma ordnalna hu."" (Dewt. 6:20-25)

Papa Franġisku jgħidilna hekk: "Il-ġenituri għandhom id-dmir li jwettqu b'serjetà l-missjoni tagħhom li jedukaw, kif spiss jgħallmu l-għorrief tal-Bibbja (ara Prov. 3:11-12; 6:20-22; 13:1; 22:15; 23:13-14; 29:17). L-ulied huma msejħa jilqgħu u jipprattikaw il-kmandament: "Weġġaħ lil missierek u lil ommok," (Eż. 20:12) fejn il-verb "weġġaħ" jindika t-twettiq tal-impenji familjari u soċjali fil-milja tagħhom, mingħajr ma wieħed jittraskurahom b'xi skuża taparsi reliġjuża (ara Mk. 7:11-13). Fil-fatt, "min jibża' minn missieru jagħmel tajjeb għal dnubietu, u min iweġġaħ lil ommu qisu qed jiġma' f'teżor." (Sir. 3:3-4) (AL 17)

Il-Kelma ta' Alla turina li fil-familja mhux kollox huwa ward u żagħar. Kif rajna fil-bidu ta' din l-iskema il-Bibbja stess tagħtina esperjenzi varji ta' familji. Turina l-preżenza tat-tbatija, tal-ħażen, tal-vjolenza li jifnu lill-familja u l-komunjoni intima tagħha ta' ħajja u ta' mħabba. Mhux ta' b'xejn li d-diskors ta' Kristu fuq iż-żwieġ (Mt. 19:3-9) insibuh fil-qalba tal-argument sħiħ dwar id-divorzju. Il-Kelma ta' Alla hi xhieda kostanti ta' din id-dimensjoni mudlama li diġà tinfetaħ fil-bidu, meta bid-dnub, ir-relazzjoni ta' mħabba u ta'

safa bejn raġel u mara tinbidel f'ħakma: "Lejn żewġek tiġbdek xewqtek, u hu jaħkem fuqek." (Ġen. 3:16)

"Kull familja għandha quddiemha l-ikona tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret, bil-ħajja tagħha ta' kuljum magħmula minn taħbit u anke ġrajjiet koroh, bħal meta kellhom iġarrbu l-vjolenza bla sens ta' Erodi, esperjenza li traġikament għadha tirrepeti ruħha llum ukoll f'tant familji ta' rifuġjati miċħuda u bla saħħa. Bħall-Maġi, il-familji huma mistiedna jikkontemplaw lit-Tarbija u lil Ommha, u jinxteħtu jqimuha (ara Mt. 2:11). Bħal Marija, huma msejħin jgħixu bil-kuraġġ u s-serenità l-isfidi tagħhom ta' niket u ta' ħeġġa bħala familji, u biex jgħożżu u jimmeditaw fil-qalb tagħhom l-għeġubijiet ta' Alla (ara Lq. 2:19, 51). Fit-teżor tal-qalb ta' Marija hemm ukoll il-ġrajjiet kollha ta' kull waħda mill-familji tagħna, li hi żżomm f'qalbha b'għożża kbira. Għalhekk hi tista' tgħinna nfissruhom biex nagħrfu naqraw il-messaġġ ta' Alla fl-istorja tal-familji tagħna." (AL 30)

Għalhekk il-Kelma ta' Alla "ma tidhirx bħala sekwenza ta' ideat astratti, imma bħala sieħba fil-vjaġġ anke għall-familji li qegħdin fi kriżi jew għaddejjin minn xi tbatija, u turihom fejn trid tasal il-mixja tagħhom." (AL 22) Dan huwa li għandu x'jaqsam mad-dokument tal-Amoris Lætitia.

Jekk ninsew dan "ma fhimna xejn dwar dak li hi l-Knisja."

**Diskussjoni fi gruppi:**

1. Liema familja fil-Bibbja l-aktar li tħobb? Liema minn dawn il-familji tħoss li qed tkellem lilek u lill-familja tiegħek?
2. Liema qari mill-Bibbja użajt fiż-żwieġ tiegħek? Għaliex?
3. Kemm hi importanti li l-Bibbja tkun parti mill-ħajja tal-familja fiż-żminijiet li qed ngħixu fihom?
4. Issibu ħin biex taqraw silta mill-Bibbja kuljum? Għaliex?
5. Kemm taħseb li l-familja Maltija llum qed tuża l-Bibbja bħala referenza fil-ħajja miżżewġa tagħha?

# Skema - Marzu 2018

## Dar: Evanġelju tal-Familja / Evanġelizzazzjoni / Drawwiet

Kif jikteb il-poeta Jorgie Luis Borges - "kull dar hi kandelabru." Id-dar għandha tkompli tkun il-post fejn nitgħallmu napprezzaw it-tifsira u s-sbuħija tal-fidi.

F'din l-iskema se niddiskutu dak li wegħdu l-ġenituri fil-magħmudija ta' wliedhom. Fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Magħmudija, wara li l-qassis jistaqsi lill-ġenituri: "X'qegħdin titolbu mill-Knisja ta' Alla għat-tarbija tagħkom?" huma jwieġbu, "Il-Magħmudija." Dak il-ħin il-qassis ifakkar lill-ġenituri billi jagħmlilhom dan l-appell. "Ġenituri, intom qegħdin titolbu l-Magħmudija għat-tarbija tagħkom, għalhekk għandkom tkunu tafu sewwa bid-dmir li bih sejrin titgħabbew, jiġifieri li trabbu lil din it-tarbija fil-fidi mqaddsa biex hija tħares il-kmandament ta' Alla u tħobb lil Mulej u l-proxxmu kif għallimna Kristu. Tafu sewwa b'dan id-dmir tagħkom?" Il-ġenituri jwieġbu, "iva nafu sewwa b'dan id-dmir tagħna."

**Niddiskutu fil-grupp din is-silta mir-rit tal-Magħmudija.**

Kemm taħseb li l-ġenituri tat-tarbija, minkejja l-preparazzjoni li ssir għalihom qabel il-Magħmudija huma konxji minn din ir-responsabbiltà?

**X'inhuma l-isfidi għall-ġenituri biex jgħaddu l-fidi lit-tfal tagħhom?**

L-edukazzjoni tal-ulied għandha tkun imdawla minn mixja ta' trasmissjoni tal-fidi, li l-istil tal-ħajja tal-lum jagħmilha iebsa, ibda mill-ħinijiet tax-xogħol, u spiċċa fil-kumplessità tad-dinja tal-lum, fejn ħafna, biex ilaħħqu mal-ħajja, għandhom ritmi frenetiċi. (AL 287)

Kapitlu 7 ta' Amoris Lætitia, li jittratta it-Tisħiħ tal-Edukazzjoni tal-ulied, jgħidilna li biex inkunu kapaċi nħarsu lit-tfal tagħna, għandna niddedikaw ħin għalihom, nitkellmu dwar affarijiet importanti b'sempliċità u nsibu modi tajbin kif huma jistgħu jqattgħu l-ħin tagħhom. Ngħinuhom jikbru fil-libertà, il-maturità, id-dixxiplina ġenerali u l-awtonomija reali.

**Niddiskutu: Mill-esperjenzi tal-familji tagħkom jew ta' wliedkom, kemm taħseb li qed jiddedikaw ħin ta' kwalità biex jitkellmu, kemm qed iqattgħu ħin magħhom?**

L-adolexxenti soltu jidħlu fi kriżi mal-awtorità u man-normi, għalhekk irridu nistimulaw l-esperjenzi personali tagħhom ta' fidi u noffrulhom xhieda mdawla li lejhom jinġibdu minħabba l-istess ġmiel tagħhom.



**Niddiskutu: Dan il-paragrafu jagħtina ħjiel ta' x'jistgħu jkunu l-affarijiet importanti għall-adolexxenti tagħna, jiġifieri, il-ġmiel, is-sess, il-ħbieb eċċ. Kif taħseb li nistgħu nużaw dawn il-valuri biex ngħaddu l-fidi tagħna lill-adolexxenti fil-familji tagħna?**
Huwa essenzjali li t-tfal verament jaraw li, għall-ġenituri tagħhom, it-talb hija xi ħaġa verament importanti. Għalhekk mumenti ta' talb tal-familja u atti ta' devozzjoni jistgħu jkunu aktar qawwija għall-evanġelizzazzjoni milli kwalunkwe katekiżmu. (AL 288)

**Qegħdin jarawna nitolbu wliedna jew in-neputijiet tagħna?**
L-ulied li jikbru f'familji missjunarji spiss isiru missjunarji huma wkoll, jekk il-ġenituri jagħrfu jgħixu dan id-dmir tagħhom b'mod li l-oħrajn iħossuhom qrib tagħhom u fi ħbiberija magħhom, u hekk l-ulied jikbru f'dan l-istil ta' relazzjoni mad-dinja, bla ma jiċħdu l-fidi tagħhom jew il-konvinzjonijiet li telgħu bihom. Niftakru kif Ġesù nnifsu kien jiekol u jixrob mal-midinbin (ara Mk. 2:16; Mt. 11:19), ħassu komdu jieqaf jitkellem mal-mara Samaritana (ara Ġw. 4:7-26), u jilqa' għandu lil Nikodemu billejl (ara Ġw. 3:1-21), ħalla lil prostituta tidliklu riġlejh (ara Lq. 7:36-50), u ma tmeżmiżx imiss lill-morda (ara Mk. 1:40-45; 7:33).

Il-familja hija għalhekk aġent ta' attività pastorali permezz tal-proklamazzjoni espliċita tagħha tal-Evanġelju u l-wirt tagħha ta' forom varji ta' xhieda, jiġifieri: solidarjetà mal-foqra, ftuħ għal diversità ta' nies, protezzjoni tal-ħolqien, solidarjetà morali u materjali mal-familji l-oħra, l-impenn b'risq il-promozzjoni tal-ġid komuni anke permezz tat-tibdil fl-istrutturi soċjali inġusti, ibda mit-territorju li fih hi tgħix, meta tipprattika l-opri tal-ħniena li jmissu mal-ġisem u mar-ruħ. (AL 290)

**Inxandru llum l-Evanġelju tal-familja**
Il-kelma 'Evanġelju' tfisser aħbar tajba. Il-familja kif iridha Alla, kienet, għadha u tibqa' aħbar tajba anke jekk tkun mhedda.

Fl-Ewwel Ittra lil Korintin (1:17) San Pawl jgħid: "Kristu ma bagħatnix biex ngħammed iżda biex inxandar l-Evanġelju, mhux bi kliem l-għerf sabiex ma jiġix fix-xejn is-salib ta' Kristu." "Il-Padri Sinodali għafsu fuq il-fatt li l-familji Nsara, bil-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ, huma s-suġġetti prinċipali tal-pastorali tal-familja, fuq kollox għax joffrulna

"x-xhieda hienja tal-miżżewġin u tal-familji, knejjes tad-dar."" (AL 200)

"Fid-dawl tal-parabbola ta' dak li ħareġ jiżra' (ara Mt. 13:3-9), xogħolna hu li nikkoperaw fiż-żrigħ: il-bqija jagħmlu Alla. Ma rridux ninsew lanqas li l-Knisja li tipprietka fuq il-familja hi sinjal ta' kontradizzjoni, imma l-miżżewġin japprezzaw li r-Rgħajja joffrulhom motivazzjonijiet biex jidħlu għal imħabba qawwija, soda, li ttul, u li kapaċi tħabbat wiċċha ma' dak li jitfaċċa mat-triq. Il-Knisja tixtieq tilħaq il-familji billi umilment tifhem minn xiex huma għaddejjin, u x-xewqa tagħha hi li ssieħeb "lil kull familja biex tiskopri l-aħjar triq biex tegħleb id-diffikultajiet li magħhom tiltaqa' fil-mixja tagħha." Mhux biżżejjed li fil-pjanijiet kbar pastorali ndaħħlu nota ġenerika fuq it-tħassib tagħna għall-familja. Biex il-familji jsiru dejjem iżjed suġġett attiv tal-pastorali tal-familja, hu meħtieġ "sforz b'risq l-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi indirizzat lejn il-familja nfisha", li jorjentaha f'din id-direzzjoni." (AL 200)

Din hi l-missjoni tagħna, li fuq il-passi ta' Ġesù naslu biex nitkellmu mas-Samaritani ta' żmienna (Ġesù u s-Samaritana, Ġw. 4:5-42), ma' dawk li għandhom l-għatx għall-verità, l-għatx għall-Mulej.

**Dawn jistgħu jkunu membri fil-familja tagħna.**



**Punti ta' riflessjoni**

Kapaċi ninduna li x-xhieda u l-impenn ta' individwi u ta' familji fil-parroċċa li qed jgħixu tassew l-Evanġelju jista' jinkoraġġini u jinfluwenzani biex naqsam mal-oħrajn l-imħabba ta' Alla, il-fedeltà tiegħu u l-mod ta' kif hu jieħu ħsiebna?

"It-trasmissjoni tal-fidi titlob li l-ġenituri jkunu diġà qed jgħixu l-esperjenza vera tal-fiduċja f'Alla, li jfittxuh, li jiġu bżonnu, għax b'dan il-mod biss "nisel lil nisel isebbaħ għemilek, u s-setgħa tiegħek ixandru" (Salm 145:4) u "l-missier jgħarraf lil uliedu l-fedeltà tiegħek." (Is. 38:19)" (AL 287)

Sfortunatament xi ġenituri għejjew jagħtu formazzjoni Nisranija lill-uliedhom jew ma jafux li għandhom jagħtu din il-formazzjoni u għalhekk qed iħallu f'idejn ħaddieħor. X'taħseb li għandha tagħmel il-parroċċa biex il-ġenituri itejbu jew iżidu fir-rwol tagħhom fil-formazzjoni tat-tfal tagħhom?

Nagħlqu il-laqgħa tagħna billi minflok it-talba tal-aħħar ngħidu flimkien it-Talba tal-Familja Mqaddsa li kiteb il-Papa Franġisku.

Ġesù, Marija u Ġużeppi,
fikom nikkontemplaw il-ġmiel
tal-imħabba vera,
u lejkom induru b'fiduċja.

O Familja Mqaddsa ta' Nazaret,
agħmel li anki l-familji tagħna
jkunu mkejjen ta' komunjoni
u ċenakli ta' talb,
skejjel awtentiċi tal-Evanġelju u
Knejjes ċkejkna tad-dar.

O Familja Mqaddsa ta' Nazaret,
nitolbuk li qatt iżjed fil-
familji tagħna ma nġarrbu
vjolenza, għeluq u firda:
kull min kien miġruħ jew skandalizzat,
ħa jsib minnufih faraġ u fejqan.

O Familja Mqaddsa ta' Nazaret,
agħmel li lkoll kemm aħna
nagħrfu l-karattru qaddis u
bla mittiefes tal-familja,
tal-ġmiel tagħha fil-pjan ta' Alla.

Ġesù, Marija u Ġużeppi, isimgħu u
ilqgħu t-talba tagħna. Ammen.

# Skema - April 2018
# Familji f'sitwazzjonijiet kumplessi: Insieħbu – Niddixxernu – Nintegraw

Kapitlu 8 tal-Eżortazzjoni Appostolika 'Il-Ferħ tal-Imħabba' (Amoris Lætitia) jitratta dwar koppji u familji f'sitwazzjonijiet irregolari, imperfetti jew kumplessi. Il-kapitlu jagħmel sejħa biex ma' dawn il-persuni nħaddnu linja pastorali bbażata fuq akkumpanjament, djalogu, dixxerniment, attenzjoni għaċ-ċirkustanzi kollha, gradwalità, integrazzjoni u ħniena.

**Iddiskuti dawn il-kelmiet: akkumpanjament, djalogu, dixxerniment, attenzjoni għaċ-ċirkustanzi kollha, gradwalità, integrazzjoni, ħniena.**

Mill-bidu sal-aħħar, it-ton u l-messaġġ tal-Amoris Lætitia, jibbaża ruħu fuq il-ħsieb evanġeliku. Il-kapitlu, imsemmi 'Insieħbu, Niddixxernu u Nintegraw id-Dgħufija' huwa ispirat mill-imħabba u mill-ħniena. "L-imħabba tal-aħwa hi l-ewwel liġi tal-Insara. (Ġw. 15:12; Gal. 5:14)" (AL 306). "Il-fus li jwieżen il-ħajja tal-Knisja hu l-ħniena." (AL 310). L-imħabba u l-ħniena huma l-pedament tal-Knisja. Fuq din il-premura evanġelika, l-Eżortazzjoni qed tgħidilna biex nintegraw fil-komunità Nisranija tagħna lil dawk il-koppji u l-familji li jinsabu f'qagħdiet irregolari u kumplessi, b'mod partikulari dawk li jinvolvu persuni separati jew divorzjati u li llum qegħdin f'rabta ġdida. Il-Papa jħeġġiġna biex noħorġu jdejna lejhom. Bħala membri tal-Knisja għandna nħossuna komdi u konvinti li naddottaw l-ispirtu, l-attitudni pożittiva, it-tama li qed twasslilna l-Eżortazzjoni. U dan mhux biss għax jgħidu l-Papa fl-Eżortazzjoni, imma fuq kollox għax tgħidulna l-Kelma ta' Alla, għax uriena il-kif Ġesù nnifsu b'ħajtu. M'għandux ikun hemm kontroversja fuq din il-linja pastorali li l-Knisja dieħla għaliha!

L-Eżortazzjoni tal-Papa tagħti gwida ċara biżżejjed. Ikkumplikat huwa l-proċess kif ser tiġi applikata din il-gwida. Ir-raġuni hija li mhux kull każ huwa l-istess, u għaldaqstant m'għandux ikun hemm proċeduri jew regoli fissi. Ikollha tidħol id-diskrezzjoni, liema diskrezzjoni qed tiġi fdata f'idejn min għandu l-kompetenza li jakkumpanja u jiddixxerni flimkien mal-koppja jew mal-familja konċernata.

F'Jannar 2017 l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex ħadu ħsieb jippubblikaw *'Kriterji għall-Applikazzjoni ta' Kapitlu VIII tal-Amoris Lætitia'.* Għalkemm dan id-

dokument huwa intenzjonat għal dawk fis-saċerdozju, tajjeb li aħna membri fil-Knisja u speċjalment aħna membri fil-Gruppi Familji Nsara, nifhmu u nħaddnu dawn il-linji gwida sabiex inkunu f'pożizzjoni li nwasslu l-messaġġ b'mod korrett u li jaqbel mal-kriterji, kif ukoll, fejn ikun il-każ, inkunu nistgħu nservu ta' pont bejn il-koppji li aħna niġu f'kuntatt magħhom u s-saċerdoti li joffru akkumpanjament bl-għan li jwassal għall-integrazzjoni fil-komunità Nisranija.

**Iddiskuti: Taf b'xi sitwazzjonijiet bħal dawk li qed isemmi l-Papa f'Kapitlu 8?**

**Integrazzjoni fil-Komunità Nisranija**

Wieħed bir-raġun jistaqsi: Allura min hu eliġibbli biex jintegra? Xi triq hemm għal rikonċiljazzjoni u integrazzjoni? Sa fejn tista' tasal l-integrazzjoni? Ir-risposti għal dawn mhumiex faċli.

**Min hu eliġibbli biex jintegra?**

Kulħadd! Ġesu hu miftuħ u jħenn għal kulħadd, iħobb lil kulħadd. Huwa jistieden u jilqa' lil kulħadd bla distinzjoni. Hu dak li joħroġ ifittex lin-nagħġa l-mitlufa. Kulħadd jista' jkun eliġibbli jekk jilqa' l-istedina tiegħu. Però nafu li mhux kulħadd jilqagħha. Min-naħa l-oħra hemm oħrajn li jinsabu *mtaqqlin* li b'xi mod jew ieħor jaslu li bil-mod jaraw il-ħniena u jilqgħu l-istedina tiegħu biex *isibu l-mistrieħ għal ruħhom*. Jibqa' l-fatt li Alla huwa dejjem lest li jaħfer lil dawk li sinċerament ikunu qed ifittxu r-rikonċiljazzjoni. Hija kwistjoni ta' motivazzjoni ġenwina. Filwaqt illi l-Eżortazzjoni ma teskludi lil ħadd, hija tidħol f'aktar dettal dwar kif wieħed għandu jittratta ma' dawk li ġenwinament jixtiequ jerġgħu lura. Naturalment, kull realtà differenti għandha tiġi trattata b'mod differenti, u probabbli li tasal għal livell differenti ta' eliġibbiltà u ta' integrazzjoni fil-komunità (kif ser naraw aktar 'l quddiem). Min jersaq mingħajr motivazzjoni ġenwina ser ikun diffiċli għalih/a li jasal għal relazzjoni soda ma' Alla. Oħrajn li assolutament ma jridux jilqgħu l-istedina huma liberi li jibqgħu barra mill-komunità. Però t-triq tkun dejjem miftuħa għalihom biex jisimgħu u jixtarru x'qed tgħidilhom il-Kelma. Intennu li Alla ma jwarrab lil ħadd. Dan ifisser li ħafna jiddependi mill-koppja / persuna / familja stess fejn trid tasal u

kemm trid tintegra jew ma tintegrax fil-komunità Nisranija.

**Xi triq hemm għal rikonċiljazzjoni u integrazzjoni?**

L-Eżortazzjoni tipproponilna t-triq tal-akkumpanjament, id-djalogu u d-dixxerniment bħala l-mezzi li jiggwidaw il-proċess ta' integrazzjoni – proċess li jieħu ż-żmien, jirrikjedi paċenzja, tjubija, fiduċja u sensittività – servizz li jrid isir fi spirtu ta' mħabba, ta' ħniena, dik l-imħabba u ħniena li jkun qed joffri Alla lill-koppja bil-koperazzjoni tal-akkumpanjatur. Huwa proċess li tulu, flimkien mal-koppja / familja konċernata jkollhom jiġu indirizzati mistoqsijiet bħal: Din il-koppja / familja minn fejn ġejja? X'inhu dak li għandha bżonn? X'għandha pożittiv li tista' tibni fuqu? X'inhu li qed ifixkel? X'*awareness* spiritwali għandha? X'livell ta' relazzjoni għandha ma' Alla? Sa fejn lesta timxi sabiex tersaq lejn Alla? Il-koppja stess ser tistaqsi: Kif ser nagħmlu biex ngħixu sewwa? X'nistgħu u x'ma nistgħux nagħmlu? Dan kollu u aspetti oħra jiġu indirizzati permezz ta' eżerċizzju twil ta' djalogu sinċier, dixxerniment u formazzjoni ta' kuxjenza. Permezz tad-dixxerniment l-akkumpanjatur flimkien mal-koppja ser jifhmu x'inhi l-aħjar triq għalihom, sa fejn iridu u jistgħu jintegraw. Ser jiskopru Alla x'irid minnhom f'dak il-mument u fiċ-ċirkustanzi partikulari. Għal dawk il-koppji jew familji li jilqgħu l-istedina u r-rieda ta' Alla, ikun ifisser għalihom li ser jidħlu għal bidla fl-ispirtu, passi għal rikonċiljazzjoni u tisħiħ tar-relazzjoni tagħhom ma' Alla. Ser joqorbu lejh!

**(Dan il-paragrafu li għadna kif qrajna jitlob riflessjoni u attenzjoni kbira u nissuġġerixxu li għal din il-laqgħa jkun preżenti saċerdot ħalli jkun jista' jidħol iktar fid-dettal ta' dawn il-mistoqsijiet.)**

**Sa liema grad tasal l-integrazzjoni?**

Ir-risposta tvarja skont il-każ. Ħafna jiddependi minn kemm il-koppja / familja tkun lesta u kapaċi issaħħaħ ir-relazzjoni tagħha ma' Alla. Jiddependi wkoll mit-tip ta' rabta li qegħdin fiha, mil-livell ta' kumplessità, u kemm jistgħu jew ma jistgħux din is-sitwazzjoni jirrimedjawha. F'każi fejn ir-rimedju tas-sitwazzjoni huwa possibbli, allura l-integrazzjoni tkun tista' tasal għal livelli tajbin. Fejn hemm



sitwazzjonijiet aktar kumplessi li r-rimedji huma remoti ħafna, allura l-integrazzjoni tkun tista' tasal sa livelli limitati. F'dan il-każ, xorta jibqa' l-possibbiltà – sakemm id-dixxerniment juri li hemm motivazzjoni ġenwina – li l-koppja tiġi milqugħa fl-komunità Nisranija u tiġi mħajra tieħu sehem f'ċerti attivitajiet tal-parroċċa, bħal ma huma l-laqgħat ta' talb u sehem f'ħidma ta' karità.

Meta niġu għall-kwistjoni ta' kemm hu permessibbli li dawn il-koppji jitqarbnu, l-Eżoratazzjoni ma tagħtix regoli fissi, u dan għaliex bħalma diġà għedna kull każ hu differenti – kull persuna għandha ċ-ċirkustanzi tagħha, motivazzjoni individwali, relazzjoni partikulari ma' Alla. Il-Papa jdaħħal ukoll konsiderazzjoni morali bbażata fuq il-'Liġi tal-Gradwalità', fejn, għaliex aħna nikbru bil-mod il-mod u mhux mill-ewwel inkunu kapaċi nagħtu kollox u ngħixu l-ideal (f'dan il-każ l-ideal taż-żwieġ), jista' jkun hemm ċirkustanzi li jistgħu jnaqqsu, jew anke jxejnu, ir-responsabbiltà u l-ħtija ta' xi wħud li ma jkunux baqgħu fidili għall-wegħdiet tagħhom. B'din il-konsiderazzjoni (dejjem fl-ambitu ta' ġenwinità, dixxerniment u kuxjenza ffurmata) jista' jkun il-każ li r-responsabbiltà u l-ħtija tal-irregolarità u tad-dnub tkun inqas gravi, jew anke tixxejjen. Allura hawn tidħol il-possibbiltà li persuna, taħt il-gwida tal-akkumpanjatur, tersaq lejn is-sagramenti, inkluż it-tqarbin – li fin-natura tagħhom isaħħu lil persuna u jqarrbu lejn Alla. Alla dejjem dispost iserraħ lill-imtaqlin.

**Niddiskutu fil-grupp:**

1. Ser ninġibdu, ser niġġudikaw, ser niskadalizzaw ruħna meta naraw persuni f'għaqda irregolari jersqu lejn is-sagramenti?
2. Kemm inħossuna komdi noħolqu u nżommu kuntatt ma' koppji u familji f'sitwazzjonijiet irregolari u kumplessi bil-ħsieb li nressquhom lejn akkumpanjament?
3. X'jista' jkun is-sehem tagħna fil-komunità biex nappoġġjaw il-proċess ta' integrazzjoni akkumpanjat ta' koppji u familji f'sitwazzjonijiet irregolari?

# Skema - Mejju 2018
## Id-Djalogu

Jekk hemm xi ħaġa li tikkaratterizza ż-żmien u s-soċjetà tal-lum hija ċertament il-komunikazzjoni, jew aħjar il-mezzi tal-komunikazzjoni li għandna disponibbli għall-użu tagħna. Mezzi li permezz tagħhom nikkomunikaw immedjatament ma' kull rokna tad-dinja, bil-possibbiltà li jkollok kull informazzjoni dwar dak li qiegħed jiġri f'dak l-istess mument. L-aħbarijiet sirna ngħixuhom waqt li qed iseħħu, anzi nkunu aħna stess li permezz tal-midja soċjali nikkontribwixxu bħala parteċipanti diretti. Minkejja dan iżda, huma ħafna li jħossuhom weħidhom, vittmi ta' solitudni kiefra. F'rappurtaġġ riċenti dwar is-*Support line* 179 tal-Aġenzija Appoġġ, irriżulta li tul dawn l-aħħar 20 sena kemm ilha topera din il-linja, telefonata minn għaxra tkun minn persuna li sempliċiment tixtieq toqgħod titkellem ma' xi ħadd, u mhux minħabba problemi ta' abbuż ta' droga jew alkoħol. Meta nikkwantifikaw, dan ifisser li madwar 10,300 persuna ċemplu l-179 għax ma felħux aktar is-solitudni!

Dan mhuwiex fenomenu f'Malta biss, iżda huwa sintomatiku tas-soċjetà moderna. F'*Amoris Lætitia*, il-Papa Franġisku jiddedika sezzjoni sħiħa għat-tema tad-Djalogu fil-familja (AL 136-141), filwaqt li jagħmel diversi riferenzi għas-suġġett tal-komunikazzjoni. "Jekk il-miżżewġin jagħtu iktar valur lill-komunikazzjoni personali bejniethom, il-ħajja kollha tal-familja ssir iżjed umana." (AL 32) U dan ngħixuh ta' kuljum, mhux hekk? Huwa naturali li argumenti fil-familja jinqalgħu, "tant drabi r-raġel u l-mara jsiru xi ftit nervużi u jitlewmu bejniethom. Jitlewmu, hekk hu, fiż-żwieġ

**"Meta f'relazzjoni tibda tonqos il-komunikazzjoni stenna li kollox jibda sejjer lura."**

dejjem ikun hemm it-tilwim, xi drabi jtiru wkoll il-platti. Imma dan m'għandux isewdilna qalbna, għax din hi l-qagħda umana. U s-sigriet hu li l-imħabba hi aqwa minn dak il-waqt li fih nitlewmu, u għalhekk jien lill-miżżewġin nagħtihom dejjem dan il-parir: tagħlqux il-ġurnata li fiha tlewwimtu bejnietkom mingħajr ma tagħmlu paċi. Dejjem! U biex tagħmlu paċi m'hemmx bżonn iċċemplu lill-Ġnus Magħquda biex jiġu huma d-dar ħalli tagħmlu paċi. Biżżejjed ġest ċkejken, żegħila, tislima! U nkomplu għada! U għada nibdew mill-ġdid."

**Iddiskutu fil-grupp: Proverbju Ingliż jgħid: "silence is golden." Dan huwa dejjem possibbli?**

Għax il-konflitt mhux riżolt jista' jwassal għas-solitudni anke fiż-żwieġ. U hemm tidħol il-mentalità individwalista, il-'Jien', għad-detriment tal-familja. "It-tensjoni li toħloq kultura individwalista esaġerata li tfittex dejjem li takkwista u tgawdi, tiġġenera fi ħdan il-familji tagħna dinamika ta' intolleranza u ta' vjolenza." (AL 33) Huwa ħażin li quddiem kunflitt, quddiem kriżi, ningħalqu fina nfusna u "nużaw il-metodu li ma naċċettawx li hemm problema, naħbuha, innaqqsulha l-importanza tagħha, bit-tama li tnin maż-żmien. Imma kulma nkunu nagħmlu hu ntawlu iżjed biex insibu soluzzjoni u naħlu saħħitna fuq ħabi bla siwi li iktar ħa jikkumplika l-affarijiet. Ir-rabtiet ta' bejnietna jiddgħajfu iżjed u minflok, insaħħu iżolament li jagħmel ħsara lill-intimità ta' bejnietna. Meta kriżi ma tiġix indirizzata, l-aktar li tbati hi l-komunikazzjoni. Hekk, ftit ftit, dik li kienet "il-persuna li nħobb" issir "dak li dejjem insibu miegħi f'ħajti", imbagħad biss "il-missier jew l-omm ta' wliedi", u fl-aħħar, xi ħadd barrani." (AL 233)

Għalhekk, kif jgħidilna l-Papa, "id-djalogu hu mod ipprivileġġjat u indispensabbli biex ngħixu, nesprimu u nikbru fl-imħabba fil-ħajja taż-żwieġ u l-familja." (AL 136) Minkejja l-ġenn tal-ħajja ta' kuljum, irridu "nsibu l-ħin, ħin ta' kwalità, li jikkonsisti fis-smigħ bis-sabar u l-attenzjoni, sa mal-ieħor ikun esprima dak kollu li xtaq jesprimi." (AL 137) Kultant inparlaw aktar milli nisimgħu; allużjoni ħelwa li nużaw hi li għalhekk il-Mulej tana żewġ widnejn u ħalq wieħed, proprju biex nisimgħu d-doppju... jew biex inparlaw in-nofs!

**Waħda mir-raġunijiet ewlenin li xi żwiġijiet jispiċċaw hi n-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' kwalità minkejja li tingħata tant enfasi fuqha. Taħseb li fil-familji tagħna qed nagħmlu li jgħidilna l-Papa Franġisku li "għalhekk il-Mulej tana żewġ widnejn u ħalq wieħed, proprju biex nisimgħu id-doppju... jew biex inparlaw in-nofs"?**

U dan japplika f'kull strata tal-familja; ibda mill-koppja nnfisha, mal-ulied u viċi versa l-ulied mal-ġenituri, l-aħwa bejniethom, mal-familja estiża. Naturalment, il-mod ta' komunikazzjoni f'dawn ir-relazzjonijiet diversi, ma jkunx l-istess; ma' martek/żewġek it-tip ta' komunikazzjoni huwa differenti minn dak ma' wliedek, jew mal-ġenituri/kunjati tiegħek. Hekk ukoll komunikazzjoni mal-ħbieb jew kollegi tax-xogħol, fejn aktar għandna napplikaw kawtela f'dak li ngħidu, u kif ngħiduh.

Ma ninsewx punt kruċjali: it-talb. Kemm huwa importanti fil-familja tagħna d-djalogu ma' Alla? Alla nnifsu, Alla li huwa mħabba (1 Ġw. 4:16), fil-misteru tat-Trinità Qaddisa jiġġenera djalogu indispensabbli bejn il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu: djalogu u mħabba li jsiru ħaġa waħda. Hekk ukoll fiż-żwieġ: id-djalogu u l-imħabba li nesprimu fil-familja lejn xulxin għandhom iwassluna biex permezz ta' xulxin nibnu djalogu u relazzjoni ma' Alla, biex hekk niskopru r-rieda tiegħu f'ħajjitna meta ngħixu s-sejħa tagħna fis-sagrament taż-żwieġ.

**Punti għad-diskussjoni fil-grupp:**

1. Taħseb li l-komunikazzjoni fil-familja llum naqset? Għaliex?
2. Naraw madwarna koppji mgħobbijin bid-dejn tad-dar, u għalhekk iridu jaħdmu sigħat twal. Dan iġib miegħu mhux biss iktar flus imma wkoll iktar għejja u għalhekk inqas ħin għal xulxin. Din hi sitwazzjoni li ma nistgħux inreġġgħuha lura. X'taħseb?
3. Bħala koppja fil-Gruppi Familji Nsara x'qed tagħmlu intom għal komunikazzjoni bis-sens fil-familja tiegħek.
4. Bħala koppja fil-Gruppi Familj Nsara qed issibu ħin biex titolbu flimkien?

# Skema - Ġunju 2018
# L-Ewkaristija u l-Familja

Normalment ma nassoċjawx l-Ewkaristija Mqaddsa maż-żwieġ u mal-familja. Imma hekk għandna nagħmlu! Mingħajr l-Ewkaristija, ma jkunx hemm sagrament taż-żwieġ ħaj jew familja Nisranija stabbli.

X’aħna ngħidu? Aħna qed ngħidu li Kristu għamel li dawn iż-żewġ sagramenti jkunu relatati bħala kundizzjoni u konsegwenza. L-Ewkaristija hija l-kundizzjoni, u ż-żwieġ, bħala l-qalba tal-familja, hija l-konsegwenza sopranaturali. Ċertament dan jitlob spjegazzjoni, u din l-ispjegazzjoni ċara qiegħda fl-Amoris Lætitia.

Il-Papa jikkwota mill-Ewwel Ittra ta’ San Pawl lil Korintin (1 Kor. 11:17-34)

17F’li sa ngħidilkom ma nfaħħarkomx!
Għax intom tiltaqgħu mhux għall-
ġid imma għad-deni. 18Qabel xejn,
kull meta tiltaqgħu fil-knisja smajt
li hemm firda bejnietkom, u xi ħaġa
nemmen. 19Għandu jkun hemm
firdiet, biex jidhru fostkom il-ġusti.
20Meta tiltaqgħu f’post wieħed mhux
l-ikla tal-Mulej li intom tieklu. 21Għax
kull wieħed minnkom iġib, jaqbad u
jiekol l-ikel tiegħu; wieħed bil-ġuħ u
l-ieħor fis-sakra. 22Ma għandkomx
djar fejn tieklu u tixorbu? Jew
tridu twaqqgħu fl-għajb il-Knisja
ta’ Alla u ġġiegħlu jistħu lil dawk
li ma għandhomx? X’ngħidilkom?
Infaħħarkom? F’dan ma nfaħħarkomx.
23Jien irċevejt mingħand il-Mulej
it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri,
li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien
ittradut, ħa l-ħobż 24u wara li radd
il-ħajr qasmu u qal: “Dan hu ġismi
li jingħata għalikom; agħmlu dan
b’tifkira tiegħi.” 25Hekk ukoll għamel
bil-kalċi wara li kiel u qal: “Dan
il-kalċi hu l-patt il-ġdid b’demmi;
agħmlu dan kull meta tixorbu, b’tifkira
tiegħi.” 26Mela kull meta tieklu dan
il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom
ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi.
27Mela kull min jiekol il-ħobż jew jixrob
il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun
ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej.
28Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu,
imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob
il-kalċi. 29Min jiekol u jixrob bla ma
jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-
Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna
tiegħu stess. 30Għalhekk ħafna
fostkom huma bla saħħa u morda u

oħrajn mejta. [31]Jekk aħna ngħarblu lilna nfusna sewwa, ma nkunux ikkundannati. [32]Meta jagħmel ħaqq minna l-Mulej, jagħmlu biex iwiddibna ħalli ma nkunux ikkundannati mad-dinja. [33]Għalhekk mela, ħuti, meta tiltaqgħu biex tieklu, stennew lil xulxin. [34]Jekk xi ħadd ikun bil-ġuħ ħa jiekol id-dar; biex ma tkunux iltqajtu għall-kundanna tagħkom. Mill-bqija, meta niġi ngħidilkom x'għandkom tagħmlu.

**Jinżamm ftit skiet u wara kull membru tal-grupp jagħmel ir-riflessjonijiet tiegħu.**

L-ewwel tħassib dwar id-diviżjonijiet fi ħdan il-Knisja:

"L-Ewkaristija tesiġi l-integrazzjoni fil-ġisem waħdieni tal-Knisja. Min jersaq lejn il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu ma jistax fl-istess waqt joffendi dak l-istess Ġisem billi bi skandlu jġib firdiet u diskriminazzjonijiet bejn il-membri tiegħu. Għalhekk irridu "niddixxernu" l-Ġisem tal-Mulej, nagħrfuh b'fidi u mħabba kemm fis-sinjali sagramentali u kemm fil-komunità, inkella nkunu nieklu u nixorbu l-kundanna tagħna stess (ara vers 29)." (AL 186)

**Mingħajr ma nippuntaw subgħajna lejn ħadd, ejjew nirriflettu fuq kemm-il darba ġralna li wara li nkunu ħadna sehem fl-Ewkaristija, noħroġu mill-knisja u nibdew inseksku fuq l-oħrajn.**

Rabta importanti bejn l-akkumpanjament tal-persuni fil-bżonn u r-riċeviment tal-Ewkaristija:

"Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika hekk issir sejħa kontinwa lil kull wieħed u waħda biex "jgħarbel lilu nnifsu" (vers 28) ħalli jiftaħ il-bibien tal-familja tiegħu għal komunjoni isħaħ ma' dawk li s-soċjetà tarmi u hekk ikun tabilħaqq qed jirċievi s-Sagrament tal-imħabba Ewkaristika li jagħmilna ġisem wieħed. Ma rridux ninsew li "n-natura mistika tas-Sagrament hi ta' karattru soċjali."" (ara Benedittu XVI, Ittra enċiklika Deus Caritas Est (25 ta' Diċembru 2005), 14: AAS 98 (2006), 228.) (AL 186)

Il-Papa Franġisku jikkonkludi mhux b'ċaħda tal-1 Kor. 11:29, iżda interpretazzjoni iktar rilevanti għall-awtur tagħha:

"Meta dawk li jirċevuh ma jaċċettawx li jinġibdu minn impenn mal-foqra u l-batuti jew jittolleraw diversi xejriet ta' firda, ta' stmerrija u ta' inġustizzja, l-Ewkaristija

jkunu jirċevuha bla ma jixirqilhom. Imma l-familji li jitmantnew mill-Ewkaristija b'dispożizzjoni xierqa, isaħħu fihom ix-xewqa tal-imħabba tal-aħwa, is-sens soċjali tagħhom u l-impenn b'risq min hu fil-bżonn." (AL186)

**Il-grupp huwa mistieden biex jiddiskuti fil-fond din is-silta minn AL 186.**

Barra minn hekk, l-Ewkaristija għandha dimensjoni soċjali profonda, li teħtieġ li l-familji Nsara jagħżlu stil ta' ħajja sobreja u ġeneruża, miftuħa għall-ħtiġijiet ta' ħaddieħor.

Ir-rigal totali tagħhom infushom ta' konjuġi Nsara jsib l-ispirazzjoni perfetta tiegħu u n-nutriment tiegħu fir-rigal tal-Ewkaristija:

"Ġesù jħabbat fuq il-bieb tal-familja, biex jaqsam magħhom l-ikla Ewkaristika (ara Apok. 3:20). Hemm, il-miżżewġin jistgħu dejjem jissiġillaw il-patt tal-Għid li bih intrabtu u li jirrifletti l-Patt li Alla ssiġilla mal-bnedmin fuq is-Salib. L-Ewkaristija hi s-sagrament tal-Patt il-Ġdid li fih titwettaq l-azzjoni feddejja ta' Kristu (ara Lq. 22:20). Hekk nistgħu nilmħu r-rabtiet profondi li jeżistu bejn il-ħajja taż-żwieġ u l-Ewkaristija. Meta nitrejqu bl-Ewkaristija, din tagħtina qawwa u enerġija biex ta' kuljum ngħixu l-patt taż-żwieġ bħala "Knisja tad-dar."" (AL 318)

**Diskussjoni fil-grupp:**

1. Għaliex il-Papa Franġisku jitkellem dwar il-konnessjoni bejn l-Ewkaristija u ħidma għal dinja aktar ġusta f'dan id-dokument dwar il-familja?
2. Fit-tmien kapitlu – Insieħbu, Niddixxernu u Nintegraw id-Dgħufija – il-Papa Franġisku jgħid li dawn il-koppji għandhom jirċievu l-għajnuna tal-Knisja u f'*footnote* 351 jgħid "F'ċerti każi, tista' tkun ukoll l-għajnuna tas-sagramenti. Għalhekk "lis-saċerdoti nfakkarhom li l-konfessjonarju m'għandux ikun kamra tat-tortura imma l-imkien tal-ħniena tal-Mulej." (Evanagelii Gaudium para. 44)" Dawn il-koppji kif qed jiddeterminaw li jistgħu jirċievu l-Ewkaristija? Papa Franġisku kompla jgħid "Bl-istess mod infakkar li l-Ewkaristija "mhix xi premju għall-perfetti biss, imma hi duwa b'saħħitha u ikel għad-dgħajfin." (EG, 47: 1039)"

# Skema - Lulju 2018
# Edukazzjoni u Fidi

L-Edukazzjoni hija ċ-ċavetta li trid tiftaħ il-bieb għall-iżvilupp sħiħ ta' kull persuna. Għalhekk tajjeb jekk inħarsu u nirriflettu fuq x'għandu jkun ir-rwol tal-ġenituri f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u l-fidi tal-ulied. Illum tidher ferm aktar diffiċli minn qabel li l-ġenituri jedukaw kif jixtiequ huma lil uliedhom u jgħaddulhom il-fidi li għożżew tul ħajjithom. Mal-ġenituri hemm jikkompetu ħafna nies u istituzzjonijiet oħrajn u speċjalment ħafna mezzi ta' komunikazzjoni. Dawn kollha joffru sfidi għall-ġenituri fil-qadi tagħhom biex jedukaw u jgħaddu l-fidi lil uliedhom.

**Fil-grupp insemmu x'uħud minn dawn l-isfidi li qed jaffaċċjaw il-ġenituri ta' żmienna.**

Fl-ewwel kapitlu tal-Eżortazzjoni Appostolika *Amoris Lætitia* nsibu li "Il-Bibbja lill-familja tqisha... bħala l-katedra tal-katekesi tal-ulied." (AL 16) Dan l-impenn il-Papa Franġisku jerġa' jisħaq fuqu fil-paragrafu 17: "Il-ġenituri għandhom id-dmir li jwettqu b'serjeta l-missjoni tagħhom li jedukaw, kif spiss jgħallmu l-għorrief tal-Bibbja. (ara Prov. 3:11-12; 6:20-22; 13:1; 22:15; 23:13-14; 29:17)" Dan is-sens qawwi ta' dmir tal-ġenituri hu marbut ma' sens ieħor qawwi: dak tal-isfidi li jġibu magħhom l-edukazzjoni u t-trasmissjoni tal-fidi. "Il-Padri riedu jisħqu wkoll li "waħda mill-isfidi fundamentali li qed isibu quddiemhom illum hi bla dubju ta' xejn dik edukattiva, li qed issir iktar impenjattiva u kumplessa minħabba r-realtà kulturali tal-lum u l-influwenza kbira tal-midja." (Relatio Synodi, 2014, 60) ... L-edukazzjoni sħiħa tal-ulied hi 'dmir mill-aktar serju' u fl-istess waqt 'dmir ewlieni' tal-ġenituri." (AL 84) Hawnhekk tinħass ħafna l-preokkupazzjoni tal-Knisja dwar id-diffikultajiet li l-ġenituri qed isibu biex jagħtu dik l-edukazzjoni li jixtieqVu u wkoll biex jgħaddu l-fidi lil uliedhom.

**Niddiskutu: Kif se nlaqqgħu flimkien l-isfidi li jġibu magħhom l-edukazzjoni u t-trasmissjoni tal-fidi u d-dmir tal-ġenituri li jkunu huma l-ewwel edukaturi fil-fidi fil-familja?**

Fis-seba' kapitlu 'Insaħħu l-Edukazzjoni tal-Ulied' insibu stqarrija ċara daqs il-kristall tal-importanza tal-ġenituri fil-formazzjoni morali tal-ulied: "Il-ġenituri dejjem jinfluwenzaw l-iżvilupp morali ta' wliedhom, fit-tajjeb u fil-ħażin." (AL 259) Il-

Papa jiddedika dan il-kapitlu kollu kemm hu lill-edukazzjoni tal-ulied għaliex "din il-funzjoni edukattiva tal-familja hi hekk importanti u saret hekk kumplessa." (AL 259)

Minn hawn toħroġ l-importanza ta' dak li ngħidu li ma tistax tagħti minn dak li m'għandekx! Jeħtieġ nifhmu li l-ġenituri jkunu l-ewwel nett huma stess qawwija fil-fidi biex ikunu effettivi fit-trasmissjoni ta' din l-istess fidi lil uliedhom. Jekk din hija sfida interna li trid tingħeleb, hemm oħra li wkoll trid tiġi ffaċċata u mirbuħa, dik esterna. F'dan il-każ il-ġenituri jistgħu faċilment iċedu d-dritt u d-dmir tagħhom ta' edukaturi morali ta' wliedhom minħabba l-preżenza qawwija tal-edukazzjoni formali: "Anke jekk il-ġenituri għandhom bżonn tal-iskola biex jiżguraw li wliedhom jirċievu t-tagħlim bażiku, huma ma jistgħu qatt jiddelegaw għalkollox il-formazzjoni morali tagħhom." (AL 263)

**Iddiskutu fil-grupp din il-kwotazzjoni minn paragrafu 263**

U huwa għalhekk li l-Papa jpoġġi responsabbiltà kbira fuq il-ġenituri bħala l-għalliema ta' wliedhom fl-għażla bejn it-tajjeb u l-ħażin: "Xogħol il-ġenituri hu li jedukaw ir-rieda u jrawmu f'uliedhom drawwiet tajba u inklinazzjonijiet affettivi lejn dak li hu tajjeb… Din il-formazzjoni għandha titwettaq minn isfel għal fuq, biex l-iben jista' jasal li jiskopri hu l-importanza ta' valuri, prinċipji u normi partikulari, flok jiġu imposti fuqu bħala veritajiet indiskutibbli." (AL 264)

Sfida oħra li l-ġenituri għandhom hija dik tat-teknoloġija moderna. Ma jistax jonqos li t-teknoloġija ma tkunx tifforma parti mid-diskussjoni dwar l-edukazzjoni u l-fidi tal-ulied. Illum it-tfal jitwieldu u jgħixu mdawrin bit-teknoloġija kważi tista' tgħid bla rażan. Bħal dejjem u kollox, insibu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi u għalhekk tajjeb nifhmu kemm hu importanti li ma nitkaxkrux mit-teknoloġija għad-danni tagħna u ta' dawk ta' madwarna – ulied, neputijiet, ħbieb, eċċ. Imma fl-istess waqt ma nibżgħux nagħmlu użu tajjeb mill-mezzi teknoloġiċi.

Dwar dan, il-Papa jitkellem ċar: "Il-laqgħa edukattiva bejn ġenituri u wlied tista' tkun iffaċilitata jew ipperikolata mit-teknoloġija tal-komunikazzjoni u tad-divertiment, dejjem iżjed sofistikati… Ma nistgħux ninjoraw ir-riskji tal-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni għat-tfal u


"Li taqa' fil-muta jew tuża
s-silenzju bħala arma
ma ssolvix problemi anzi
l-probabbiltà hija li żżidhom."

l-adolexxenti, li kultant minħabba f'hekk spiċċaw għalkollox passivi, mitlufa u maqtugħin mid-dinja reali." (AL 278)

Sfida kemmxejn marbuta mat-teknoloġija moderna hija dik tal-edukazzjoni sesswali. Jekk iridu jaqdu tajjeb ir-rwol tagħhom ta' edukaturi ta' wliedhom, il-ġenituri ma jistgħux jaħarbu quddiem l-sfida tal-edukazzjoni sesswali. Hemm min jibża', min jikkonfondi, min jaqta' qalbu, min jipposponi, u min ħaġa u min oħra.

Ħafna drabi jqumu l-mistoqsijiet dwar x'ser ngħidilhom u meta għandi ngħidilhom. Mhux l-ewwel darba li ssib ġenituri li jħossuhom inkwetati b'dak li uliedhom diġà jafu dwar ħwejjeġ ta' sess u minn fejn saru jafuh! Oħrajn ma jafux minn fejn u kif ser jibdew id-diskors ma' wliedhom f'dan il-proċess ta' edukazzjoni sesswali. Seba' paragrafi (280-286, *Iva għall-edukazzjoni sesswali*) jittrattaw dan is-suġġett hekk delikat. Bla dubju dan l-aspett tal-edukazzjoni tal-ulied fi ħdan il-familja jlaqqagħna ma' sfida oħra. Mhux il-post fejn nidħlu f'aktar dettall, iżda niġbru li nistgħu f'żewġ kwotazzjonijiet qosra: "L-edukazzjoni sesswali saret qasam diffiċli fi żmien meta donna rridu nibbanalizzaw u nfaqqru s-sesswalità." (AL 280) "Għandha valur għoli qatigħ dik l-edukazzjoni sesswali li tħares ċertu sens san ta' pudur, anke jekk illum din ħafna jarawha bħala ħaġa ta' dari." (AL 281)

**Minħabba l-importanza tal-paragrafi 280-286 nissuġġerixxu li dawn jinqraw waqt il-laqgħa.**

Nagħlqu billi nosservaw ftit dak li l-Papa għandu xi jgħid dwar it-trasmissjoni tal-fidi mill-ġenituri għall-ulied: "L-edukazzjoni tal-ulied għandha tkun imdawla minn mixja ta' trasmissjoni tal-fidi, li l-istil tal-ħajja tal-lum jagħmilha iebsa... Madankollu, il-familja għandha tkompli tkun l-imkien fejn wieħed jiġi mgħallem jifhem ir-raġunijiet u l-ġmiel tal-fidi, jitlob għall-proxxmu u jaqdih." (AL 287)

"Li ngħaddu l-fidi lill-ulied, fis-sens li niffaċilitaw l-espressjoni tagħha u ngħinuhom jikbru fiha, jippermetti lill-familja li ssir hi stess evanġelizzatriċi, u li minn jeddha tibda tgħaddiha lil dawk kollha li jmissu magħha, anke 'l barra mill-istess ambjent tal-familja." (AL 289)

**Niddiskutu fil-grupp**

Għal ħafna snin l-għalliema kienu jħossuhom fil-klassi *in locus parentis,* jiġifieri qegħdin hemm minflok il-ġenituri. Qisu kulħadd kien jaf x'inhu r-rwol tal-ġenituri u allura l-għalliema kienu jafu l-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tat-istudenti. Imma llum nistaqsu:

1. Huwa ċar li jinftiehem ir-rwol tal-ġenituri?
2. Kemm inbidel dan ir-rwol u fiex inbidel?
3. Għadu mistenni minnhom li jagħtu edukazzjoni reliġjuża, u fiex tikkonsisti?
4. X'influwenza għad għandhom il-ġenituri fuq il-ħajja ta' wliedhom?
5. X'jista' jsir biex il-fidi ma tkomplix tonqos fost il-ġenituri u konsegwentement fost l-ulied?

**Aktar Qari Relatat:**

Għalliema tal-fidi. (AL 16)
Il-ġenituri huma l-ewwel edukaturi ta' wliedhom. (AL 17)
Il-libertà. (AL 267)
Sfidi. (AL 84)

***Sfida oħra:***

Edukazzjoni Sesswali. (AL 280)
Sfidi tat-teknoloġija. (AL 278)
Il-laqgħa edukattiva bejn ġenituri u wlied tista' tkun iffaċilitata jew ipperikolata mit-teknoloġija tal-komunikazzjoni u tad-divertiment, dejjem iżjed sofistikati. (AL 278)
Edukazzjoni reliġjuża. (AL 248, 287, 288, 299)
Edukazzjoni morali fit-tfal. (AL 266)
Mhux biss istruzzjoni. (AL 260)
Il-familja ma tistax terġa' lura milli tkun imkien ta' tweżin, ta' tisħiħ, ta' tmexxija, anke jekk hemm bżonn taħseb metodi ġodda u ssib riżorsi ġodda. Hemm bżonn taħseb għal xiex tixtieq tesponi lil uliedha. (AL 260)
Eżempju ta' fidi konvinta u prattika. (AL 246)
Dwar it-tbatija li jgħaddu minnha l-ulied minħabba ġlied bejn il-ġenituri.

***Formazzjoni:***

Formazzjoni etika tal-ulied, eċċ. (AL 263-267)
Operaturi Pastorali. (AL 202, 204)
Formazzjoni li tista' tingħata lill-gruppi tal-miżżewġin. (AL 229)
Formazzjoni ta' kuxjenza imdawla. (AL 303)
Formazzjoni u l-messaġġ tal-Evanġelju. (AL 59)
Formazzjoni li permezz ta' eżempji ħżiena (l-aktar mill-ġenituri) tista' xi drabi tqanqal ċerta stmerrija lejn ċerti valuri. (AL 272)

# Skema - Awwissu 2018
# Il-Faqar fil-Familja

**Naqas il-faqar materjali.**
**Żdied faqar ieħor.**

Minn wara l-aħħar gwerra dinjija, mill-aħħar tal-erbgħinijiet, f'Malta daħlu ħafna servizzi soċjali, personali u komunitarji li minnhom gawda l-poplu kollu. Daħlu l-pensjonijiet għal kulħadd, servizzi tas-saħħa u kontra l-mard b'xejn għal kulħadd, u edukazzjoni primarja u sekondarja b'xejn għal kulħadd. Daħlet ukoll l-edukazzjoni b'xejn għal kulħadd fl-Università ta' Malta li minnha gawdew ħafna wlied il-ħaddiema Maltin.

Sar ħafna investiment finanzjarju fl-infrastruttura ta' Malta u nħolqu ħafna impjiegi fejn kulħadd, b'ħiliet differenti, seta' jaħdem u jgħajjex diċentement il-familja tiegħu.

Kienet inħolqot l-affluwenza... il-ħżin ta' ħafna ġid materjali anke personali. Għal din ikkontribwew ukoll il-Knisja Kattolika f'Malta u ħafna għaqdiet volontarji li għenu lill-poplu Malti b'kull mezz, finanzjarju u mhuwiex. Fuq medda ta' 70 sena l-faqar materjali suppost inqata' għal kollox. Minkejja dan il-ġid kollu issa beda jidher li f'Malta dieħel faqar ġdid.

Sitwazzjoni bħal din ġrat qabel f'pajjiżi oħra tad-dinja. Fl-Amerika, l-ekonomista John Galbraith iddeskriva dan fil-ktieb tiegħu 'The Affluent Society' - Soċjetà għanja bil-ġid materjali. Jiddiskrivi kif inħolqot il-*middle class* Amerikana bil-ġid materjali li kien inħoloq. F'Malta wkoll inħoloq u twessa' sew il-*middle class*.

Ftit wara Galbraith, ħareġ ktieb ieħor il-psikologu Amerikan Paul L. Wachtel, jismu 'The Poverty of Affluence'... Il-Faqar tal-Affluwenza. Wachtel jagħmel analisi tajba ħafna tal-faqar psikoloġiku tal-materjaliżmu modern. "Ħloqna ħafna ġid materjali imma ma' ħloqniex biżżejjed il-ġid psikoloġiku ta' ħafna nies. Bl-ossessjoni tagħna biex dejjem inkabbru l-ekonomija pproduċejna soċjetà ta' nies imdejqin, nies kulħadd miexi għal rasu, ħsiebhom biss biex jagħmlu l-flus..."

Wachtel qal ukoll: "Id-dimensjoni spiritwali tal-bniedem qed titħalla barra." Hu jgħid ukoll li fix-xogħol tiegħu ta' psikologu ltaqa' ma' ħafna każijiet ta' nies imħawdin li, meta fittex, sab li d-diffikultajiet fil-ħajja tagħhom kienu riżultat tal-influwenzi fuqhom tas-soċjetà ta' madwarhom.

Inħolqot u kibret ħafna soċjetà, f'Malta u f'pajjiżi oħrajn, ta' nies jgħixu waħedihom, fis-solitudini.

F'paragrafu 43 tal-Eżortazzjoni Appostolika Amoris Lætitia il-Papa Franġisku jgħid: "F'xi soċjetajiet fejn il-fidi u l-prattika reliġjuża qed jiddgħajfu, dan qed iħalli l-effetti tiegħu fuq il-familji u qed jitlaqhom iżjed għal riħhom bid-diffikultajiet tagħhom. Il-Padri Sinodali stqarru li "waħda mill-agħar xejriet ta' faqar tal-kultura ta' żmienna hi s-solitudni, frott tan-nuqqas ta' Alla fil-ħajja tal-persuni u tad-dgħufija fir-relazzjonijiet.""

**Ġenituri waħedhom u wliedhom**

Forma ta' faqar ieħor hi l-qagħda ta' ġenitur wieħed. Fl-2016 kien hawn 10,445 ġenitur wieħed jgħixu f'Malta u Għawdex, 8,339 mara u 2,574 raġel. 96% jgħixu Malta, 4% f'Għawdex. Minn dawn is-96%, 7% jgħixu f'San Pawl il-Baħar. L-akbar numru, 2,201, huma bejn 26 u 35 sena.

F'pargrafu 49 il-Papa Franġisku jgħid: "Jekk mara jkollha trabbi lil binha waħidha, minħabba f'separazzjoni jew kawżi oħra, u jkollha taħdem mingħajr ma tista' tafdah ma' persuna oħra, hu jikber f'telqa li tesponih għal kull xorta ta' riskju, u l-maturità personali tiegħu tisfa' mfixkla."

**Suwiċidji fil-Gżejjer Maltin**

Bejn l-2005 u 2015 in-numru ta' suwiċidji rdoppja, minn 17 għal 36 kull sena, b'nies bejn l-40 u 59 sena, li probabbilment dawn l-aktar li akkumulaw ġid materjali, jikkommettu suwiċidju aktar minn gruppi ta' etajiet oħra.

**Kera għali ħafna**

F'Awwissu 2017 is-Segretarju Parlamentari dwar l-Akkomodazzjoni Soċjali qal li ż-żidiet kbar fil-kera kienu qed iħallu ħafna nies li kienu qed jgħixu f'appartamenti mikrijin ma jistgħux ilaħħqu mal-kera. Qal li kien iltaqa' ma' familji li ma setgħux isibu jikru postijiet addatti għalihom bi prezzijiet li setgħu jħallsu u, f'ċerti każijiet nies sfaw bla akkomodazzjoni jew kienu qed jgħixu mingħajr saqaf fuq rashom.

Hawn qed nikkwotaw silta wkoll mid-diskors li l-Arċisqof għamel fl-omelija ta' Jum l-Indipendenza 2017:

"Għandna nistaqsu lilna nfusna jekk il-ġid li qed jinħoloq fis-soċjetà tagħna hux qed joħloq disparità ekonomika; jekk hux qed joħloq oligarkija ta' nies li huma għonja ħafna waqt li jġib lill-ħaddiema f'sitwazzjonijiet fejn lanqas jistgħu jħallsu

kull xahar il-kera għal dar deċenti fejn joqogħdu, fejn il-liġi ta' dak li hu meħtieġ u dak li jingħata (*demand and supply*) qed iġibu lil ħafna nies f'sitwazzjonijiet fejn tintilef it-tama u fejn il-ġejjieni huwa mudlam."

Fortunatament għas-soċjetà Maltija hawn il-Knisja Kattolika li dejjem tippromovi l-valuri spiritwali, umani u fundamentali.

Il-partiti politiċi Maltin, filwaqt li jżommu s-separazzjoni bejn l-Istat u l-Knisja, jistgħu, u għandhom, jibnu koalizzjoni mal-Knisja dwar il-ġid komuni. Tista' tiżviluppa relazzjoni funzjonali bejn il-Knisja u l-partiti bħala tliet istituzzjonijiet nazzjonali kbar li jaħdmu flimkien għall-ġid komuni.

Providenzjalment għandna Arċisqof li, waħdu, qed iżomm l-istendard ta' dak kollu li hu sewwa, sabiħ u li jgħaqqad. Hu promotur u operatur kbir tal-ġid komuni, u dan permezz tad-djar tat-tfal u tal-anzjani u ta' persuni b'diżabbiltà u servizzi oħra lill-familja.

Il-Knisja Kattolika Maltija kienet il-pijuniera tas-sevizzi soċjali f'Malta u Għawdex, ħafna qabel il-partiti politiċi. Ħafna aktar minn mitt sena ilu.

Il-partiti politiċi għandhom iħarsu waħda sew fil-mera, jagħtu kas ħafna aktar x'qed jiġri fis-soċjetà Maltija, u jagħrfu ħafna aktar ir-responsabbiltajiet kbar li għandhom.

Għandhom jerġgħu jiskopru l-vokazzjoni tagħhom ta' operaturi ewlenin ta' dak kollu li jgħin lil kull Malti u Għawdxi jiffjorixxi u jikber fid-dinjità tiegħu, mhux jogħdos aktar fl-egoiżmu, l-individwaliżmu u l-materjaliżmu... kif qed jiġri bħalissa.

**Niddiskutu fil-grupp:**

Quddiem din is-sitwazzjoni tal-faqar faċli nieħdu l-attitudni ta' "imma jien x'nista' nagħmel?" Papa Franġisku jissuġġerixxi l-għażla preferenzjali tal-fqar jiġifieri li nagħżel li naqla' flus inqas biex nakkomoda lill-fqir. X'taħseb?

Sakemm qed niktbu din l-iskema, f'Malta u Għawdex għandna madwar 85,000 li qed jgħixu fil-faqar. Kif tħossok quddiem din is-sitwazzjoni?

Aħna bħala membri fil-Gruppi Familji Nsara kif nistgħu naħdmu flimkien mal-Kummissjoni Djakonija tal-parroċċa biex intaffu ftit mit-tbatija ta' familji li qed jgħixu fil-faqar fil-parroċċa tagħna?

# Skema - Settembru 2018
# Il-Ferħ

It-titlu Amoris Lætitia, tradott fil-Malti bħala Il-Ferħ tal-Imħabba, jitkellem waħdu; titlu li jippreżentalna żewġ pilastri importanti fil-ħajja tal-bniedem: il-ferħ u l-imħabba. Neħħi waħda minn dawn iż-żewġ pilastri, u l-ħajja titlef is-sens kollu tagħha. Nistħajlu l-ħajja tal-bniedem qisha binja sabiħa, tistrieħ fuq żewġ kolonni, li hekk kif waħda minn dawn titneħħa minn postha, jew titwaqqa', jikkrolla kollox f'tebqa t'għajn. L-istess bħal fil-famuż rakkont ta' Sansun li hekk kif iċaqlaq il-kolonni tat-tempju pagan, jiġġarraf it-tempju kollu.

Għax il-bniedem hu maħluq biex iħobb. U għax l-imħabba vera hija ġejja minn Alla, il-bniedem huwa wkoll imsejjaħ biex ikun ferħan. Ferħan mhux b'mod balalu kif jista' jkun li nifhmu bit-terminoloġija li jużaw iż-żgħażagħ illum, iżda b'ferħ veru li jimla u jqawwi l-qalb. U hekk flimkien, il-ferħ u l-imħabba, isawru l-bniedem sħiħ.

Fl-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu, Papa Franġisku jgħidilna li "Alla jrid il-ferħ ta' wliedu." (It-titlu għal para. 147-152) Jekk biss biss inħarsu ftit lejn il-ħajja pubblika ta' Ġesù, ukoll nintebħu li l-ferħ u l-imħabba kienu ż-żewġ karatteristiċi li xprunaw il-missjoni tiegħu fuq din l-art. Fl-umanità tiegħu, Ġesù tħallat ma' dawk ta' madwaru billi għex magħhom ħajja soċjali attiva. Tant hu hekk, li saħansitra kien hemm min tkaża bih, tant li f'żewġ Evanġelji nsibu lil Ġesù nnifsu jistqarr: "Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u qegħdin jgħidu, "Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u l-midinbin."" (Mt. 11:19; Lq. 7:34) Aħna stess illum niċċelebraw u nifirħu flimkien ħafna drabi permezz tal-ikel u x-xorb. Malajr norganizzaw ikla biex niċċelebraw il-*birthday* jew l-anniversarju; jew biex naraw logħba futbol akkanita flimkien fuq xi *big screen,* jew il-Eurovision. Donnu mingħajr l-ikel ma nifirħux.

Ġesù dan kien jafu, u kien jafu sew. Tant li awlillejl qabel ma miet, għex il-ferħ tal-Għid Lhudi permezz tal-ikla mad-dixxipli. Ikla li kellha tieħu sinifikat ġdid Nisrani bħala ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. L-ewwel linja tal-Amoris Lætitia tgħidilna li "l-ferħ tal-imħabba hu wkoll il-ferħ tal-Knisja." (AL 1) Il-Knisja hija aħna, u kull quddiesa, kull Ewkaristija, hija ċelebrazzjoni ta' ferħ li fiha ngħixu l-esperjenza ħajja ta' Ġesù Rxoxt.

Kien il-passaġġ tat-tbatija li wassal lil Ġesù għall-glorja aħħarija tiegħu.

"… Il-ferħ jiġġedded fit-tbatija. Kif jgħid Santu Wistin, "akbar ma jkun il-periklu fil-gwerra, akbar ikun il-ferħ tiegħu fil-glorja."" (AL 130) Kbir għalhekk għandu jkun il-ferħ li jħoss in-Nisrani kull meta jiċċelebra l-Ewkaristija, speċjalment nhar ta' Ħadd.

Ġesù huwa n-nixxiegħa friska tal-ferħ tagħna. Il-ferħ tal-bxara t-tajba tiegħu, "il-ferħ tal-Evanġelju, jimla l-qalb u l-ħajja kollha ta' dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù. Dawk li jħallu lilu jsalvahom, jinħelsu mid-dnub, min-niket, mill-vojt ġewwieni, mill-iżolament. Ma' Ġesù Kristu dejjem jitwieled u jerġa' jitwieled mill-ġdid il-ferħ."[1]

Il-ferħ, il-ferħ ġenwin, jittieħed. Meta tifraħ, ma tifraħx waħdek, imma tifraħ mal-oħrajn. "Ladarba aħna maħluqin biex inħobbu, nafu li ma jeżistix ferħ akbar milli naqsmu ma' xulxin xi ħaġa tajba: "Agħti u ħu, u derri." (Sir. 14:16) L-aqwa ferħ fil-ħajja jitnissel meta jirnexxilna nferrħu lill-oħrajn, bħal f'tidwiqa minn qabel tas-Sema." (AL 129) Hija l-esperjenza li jħossu s-Slaten Maġi fit-tiftix tagħhom għall-Messija: "Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew." (Mt. 2:10)

Fiż-żwieġ, aħna l-kewkba ta' xulxin. Aħna s-sors tal-imħabba u l-ferħ ta' xulxin, u permezz ta' xulxin nitqaddsu.

Qatt tiftakar ftit fil-ferħ li ħassejt l-ewwel darba li ħriġt ma' dik li hi martek illum? Ma' dak li hu żewġek? Niftakar fil-ferħ li ħassejt dakinhar tal-ewwel bewsa? Niftakar fil-ferħ ta' dakinhar taż-żwieġ meta għedna "iva" lil xulxin? Niftakar f'tant u tant mumenti oħra ta' ferħ fil-ħajja miżżewġa tagħhi?

**Hawn nistiednu lill-membri kollha tal-grupp ħalli jaqsmu ma' xulxin dawn l-esperjenzi.**

Iż-żwieġ hu bħall-ilma f'mewġa; daqqa fuq u daqqa isfel. Iżda anke l-mumenti anqas sbieħ, il-mumenti diffiċli, għandhom ikunu l-molla li jerġgħu jitfgħuna 'l fuq. "Wara li jkunu batew u tqabdu magħquda flimkien, il-miżżewġin jintebħu li dan ma kienx għalxejn, għax kisbu xi ħaġa tajba, tgħallmu xi ħaġa flimkien, jew għax issa jistgħu japprezzaw iżjed dak li għandhom. Ftit hemm ferħ uman li hu hekk qawwi u ta' min jiċċelebrah daqs meta żewġ persuni li jinħabbu jkunu kisbu flimkien xi ħaġa li swiet sforz kbir lit-tnejn li huma." (AL 130)

1 Para. 1 tal-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku Evangelii Gaudium, Il-Ferħ tal-Evanġelju.

**Niddiskutu flimkien din is-silta minn Amoris Lætitia paragrafu 130. X'kienu dawk l-esperjenzi fejn tqabadna u batejna flimkien? X'tgħallimna minn dawn l-esperjenzi? Xi ksibna minn dawn l-esperjenzi?**

Il-ħajja fiż-żwieġ issib il-mera tagħha fil-Misteri tar-Rużarju Mqaddes, it-talba kontemplattiva li għandha fiċ-ċentru tagħha lil Sidna Ġesù Kristu. Hawn ukoll insibu l-mumenti tal-ferħ u l-mumenti tat-tbatija, li permezz tad-dawl, tar-rivelazzjoni, naslu biex niksbu l-glorja.

"Fiż-żwieġ, tajjeb li nieħdu ħsieb tal-ferħ tal-imħabba. Meta niffissaw infittxu l-pjaċir, ningħalqu f'rokna waħda biss u ma jirnexxilniex insibu għamliet oħra ta' sodisfazzjon. Imma l-ferħ iwessgħalna l-ħila li ngawdu u jippermettilna nsibu gost f'firxa ta' realtajiet, anke fil-fażijiet tal-ħajja fejn il-pjaċir bħal jintefa. Għalhekk San Tumas qal li l-kelma 'ferħ' tintuża biex nirreferu għat-twessigħ tal-qalb. Il-ferħ fiż-żwieġ, li jista' jingħax anke qalb it-tbatija, jimplika li naċċettaw li ż-żwieġ jitlob taħlita ta' ferħ u taħbit, ta' tensjoni u serħan, ta' tbatija u ta' ħelsien, ta' sodisfazzjon u ta' tiftix, ta' dwejjaq u ta' pjaċir, dejjem fi ħdan mixja ta' ħbiberja, li twassal lill-miżżewġin biex jieħdu ħsieb ta' xulxin: "jgħinu u jaqdu lil xulxin". (AL 126)

**Niddiskutu fil-grupp din is-silta.**

***Suġġeriment***
Meta jitkellem dwar il-ferħ fl-Amoris Lætitia, il-Papa Franġisku jgħidilna li "ta' min ifakkar fix-xena ħelwa tal-film Il-Pranzu ta' Babette, fejn il-koka ta' qalb tajba tirċievi tgħanniqa rikonoxxenti u eloġju: "Kemm għad jifirħu bik l-anġli!" Ħelu u farraġi l-ferħ li jiġina milli nferrħu lil oħrajn, narawhom igawdu. Dan il-ferħ, effett tal-imħabba bejn l-aħwa, mhux dak tal-vanità ta' min iħares lejh innifsu, imma dak ta' min iħobb u jithenna bil-ġid tal-maħbub, li jingħata għall-persuna l-oħra u fiha hu jagħmel il-frott." (AL 129)

Tajjeb li nsibu ħin u naraw dan il-film flimkien, jew fil-familja tagħna, jew fil-grupp.

Il-Film jinsab fuq iċ-*channel* tal-Moviment ta' Kana: youtube.com/user/familjakana taħt il-*playlist* tal-Gruppi Familji Nsara.

# Skema - Ottubru 2018
# Il-Formazzjoni

Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien." (Mt. 28:18-20)

Mid-dar ta' Nazaret tinstema' ħierġa
stedina ħelwa, biex bi ħsiebna nieqfu
fuq il-Familja Mqaddsa, u
  l-ħajja mseddqa
ta' mħabba lieżma.

Jaħdem Ġużeppi
  l-mastrudaxxa fqajjar,
u jfittex jaqla' l-ħobża b'għaraq ġbinu;
Ġesù maġenbu, tfajjel ubbidjenti,
jgħin 'il missieru.

Tħabrek Marija, mara bieżla u twajba,
trabbi fil-għożża 'l Binha,
  l-hena tagħha;
sieħba ferħana li ma żewġha taqsam
fil-hemm u l-faraġ.

Intom li t-tlieta doqtu bħalna l-qrusa
tal-għaraq tat-tbatija u l-ħajja iebsa,
ħarsu bit-tjieba lejna, u kunu dejjem
l-għajnuna tagħna.

Mulej Ġesù, li tajtna f'darek skola
ta' kull virtù, lilek il-ġieħ u s-setgħa,
inti li mal-Missier u mal-Ispirtu
fil-glorja ssaltan. Ammen.

Dan huwa l-innu li l-Knisja fit-talba tal-Brevjar tfaħħar lill-Familja Mqaddsa u speċjalment il-Familja Mqaddsa bħala skola ta' kull virtù. Kull familja Nisranija, li trid tkun tassew Nisranija għandha tkun skola. Għalhekk qed inqiegħdu għar-riflessjoni tagħna, id-diskors li kien għamel il-Beatu Papa Pawlu VI fiż-żjara li kien għamel fis-Santwarju ta' Nazaret (5 ta' Jannar 1964). F'dan id-diskors il-Papa qed jgħidilna x'inhuma l-virtujiet li għandhom jingħataw fil-familja.

"Id-dar ta' Nazaret hija skola, skola fejn wieħed jitgħallem jagħraf il-ħajja ta' Kristu, skola tal-Evanġelju.

Hawn nitgħallmu naraw, nisimgħu, nimmeditaw u nifhmu sewwa x'tifsira kbira u għolja għandha għalina l-ħajja mill-iżjed sempliċi, umli u ħelwa li biha l-Iben ta' Alla ried jurina lilu nnifsu. U forsi wkoll bil-ftit il-ftit nitgħallmu nsiru nixbhuh. Din id-dar

tagħtina d-dawl, tiftħilna t-triq li malajr twassalna biex nagħrfu min hu Kristu. Fuq kollox hawnhekk inħossu l-bżonn li nagħtu ħarsa sewwa lejn dak kollu li għandu x'jaqsam, anzi donnu għandu rabta, mal-għamara ta' Kristu fina; irrid ngħid jien, il-postijiet, iż-żminijiet, id-drawwiet, id-diskorsi, ir-riti mqaddsa, f'kelma waħda dak kollu li bih inqeda Ġesù biex juri lilu nnifsu lid-dinja. Hawn ġew kollox jitkellem, kollox għandu t-tifsira tiegħu. Tabilħaqq hawnhekk, f'din l-iskola, naraw il-ħtieġa tat-tagħlim spiritwali għal min irid jagħraf jgħix skont l-Evanġelju, għal min ifittex li jsir dixxiplu ta' Kristu.

Kemm nixtiequ nerġgħu nsiru tfal ċkejknin biex nidħlu mill-ġdid f'din l-iskola umli u għolja tad-dar ta' Nazaret! B'liema ħeġġa konna kieku nfittxu li nġeddu l-istudju tagħna biex niksbu l-għerf veru ħdejn Marija u nifhmu l-veritajiet ta' Alla!

Nixtiequ, iva, nibqgħu f'din id-dar ta' Nazaret biex fiha nkomplu nikbru fit-tagħlim tal-Evanġelju li qatt ma tista' tgħidlu biżżejjed. Iżda hawnhekk m'aħniex ħlief pellegrini, il-qagħda qasira tagħna ġġagħalna kontra qalbna niċċaħħdu minn dak li nixtiequ. Madankollu ma rridux noħorġu minn hawn bla ma nfakkru fuq fuq, fil-qosor u qisu bil-ħatfa, xi twissijiet li niġbru minn din id-dar ta' Nazaret.

L-ewwel nett hawn nitgħallmu s-siwi tas-skiet. Mhux li konna nġeddu fina l-ħsieb dwar kemm hu għażiż is-skiet, din il-ġabra hekk tal-għaġeb u meħtieġa għar-ruħ, meta ninsabu mdawrin b'kull xorta ta' għajat u ħsejjes u storbju f'dawn iż-żminijiet ta' ħajja mgħaġġla u tant imqanqla tagħna! O skiet ta' Nazaret, għallimna nieqfu fuq ħsibijiet tajbin u nkunu moħħna fil-bżonnijiet tal-ispirtu; għidilna kif nitħejjew tajjeb ħalli nagħtu widen għal-leħen moħbi ta' Alla u l-ordnijiet tal-għalliema veri tagħna; urina l-ħtieġa u s-siwi tat-tħejjija tagħna nfusna, l-istudju, il-meditazzjoni, ir-regolament personali u ġewwieni tal-ħajja, it-talb fil-moħbi li Alla biss jarah.

It-tieni, nitgħallmu kif għandha tkun l-imġiba tagħna fil-ħajja tad-dar. Għax id-dar ta' Nazaret tfissrilna tajjeb x'inhi l-familja fix-xirka tagħha ta' għożża, fis-sbuħija kbira u mdawla tagħha, fir-rabta qaddisa u sħiħa tagħha; id-dar ta' Nazaret turina kemm hi ħelwa t-trobbija fil-familja li ebda trobbija oħra ma tista' teħdilha postha; tgħallimna x'inhu l-uffiċċju naturali tal-familja fl-ordni soċjali.

Fl-aħħar nett hawn insibu tagħlim kbir fuq ix-xogħol. O dar ta' Nazaret, dar ta' Bin il-mastrudaxxa, kemm nixtiequ l-iżjed hawn nitgħallmu u nfaħħru l-liġi iebsa imma feddejja tax-xogħol tal-bniedem; kemm nixtiequ hawn nisħqu mill-ġdid fuq id-dinjità tax-xogħol biex kulħadd jemmen fiha; taħt dan is-saqaf nixtiequ kieku nfakkru li x-xogħol ma jistax ikun skop għalih innifsu, u li hu jikseb il-libertà u l-qawwa mhux biss minn dak li hu valur ekonomiku tiegħu iżda wkoll minn dawk il-fatturi li permezz tagħhom jilħaq l-iskop għoli tiegħu.

Nagħlqu billi minn hawn insellmu lill-ħaddiema tad-dinja kollha, u nistednuhom iħarsu lejn il-mudell il-kbir tagħhom, ħuhom divin, Kristu Sidna, il-profeta ta' kull kawża ġusta tal-ħaddiema."



**Hawn il-membri kollha tal-grupp jiddiskutu dan id-diskors.**

Għalhekk kull familja għandha tkun skola ta' formazzjoni. Imma x'inhi il-formazzjoni?

**Hawn inħallu lill-membri tal-grupp ħalli jgħidu x'inhi l-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħhom meta ngħidu "formazzjoni".**

Meta l-Papa Franġisku jitkellem fuq Formazzjoni nindunaw li dan huwa suġġett wiesa' ħafna u għalhekk f'din l-iskema se nillimitaw ruħna għall-formazzjoni tal-kuxjenza, speċjalment dik tal-ġenituri u l-etika tal-ulied.

**Il-Formazzjoni tal-kuxjenza**

Dakinhar taż-żwieġ, aħna bħala koppja, għamilna din id-dikjarazzjoni: "Aħna lesti li nilqgħu bl-imħabba l-ulied li Alla jogħġbu jibagħtilna u nrabbuhom skont il-ligi ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu."

Imbagħad dakinhar tal-magħmudija ta' wliedna għamilna dikjarazzjoni oħra. Meta aħna ħadna lil uliedna l-knisja biex jirċievu is-Sagrament tal-Magħmudija, is-saċerdot qalilna hekk: "Ġenituri, intom qegħdin titolbu l-magħmudija għat-tarbija tagħkom. Għalhekk għandkom tkunu tafu sewwa bid-dmir li bih sejrin titgħabbew, jiġifieri li trabbu lil din it-tarbija fil-fidi mqaddsa biex tħares il-kmandamenti ta' Alla u tħobb lill-Mulej u lill-proxxmu kif għallimna Kristu. Tafu sewwa b'dan id-dmir tagħkom?"

Dawn kienu żewġ mumenti importanti ħafna fil-ħajja tagħna bħala koppja u ta' wliedna. Ħadna fuqna r-responsabbiltà li l-ewwel nett nifformaw lilna nfusna bħala koppja, imbagħad li nieħdu ħsieb il-formazzjoni ta' wliedna. Sfortunatament, ħafna koppji qed iħallu din il-formazzjoni f'idejn ħaddieħor.

Dwar dan il-Papa jgħidilna hekk: "Madankollu jidhirli importanti ħafna nfakkar li l-edukazzjoni sħiħa tal-ulied hi "dmir mill-aktar serju" u fl-istess waqt "dmir ewlieni" tal-ġenituri. M'aħniex nitkellmu biss fuq dmir jew fuq piż, imma anke fuq dritt essenzjali li ħadd ma jista' jwettqu jekk mhux huma, li huma msejħin iħarsuh u li ħadd ma jista' jippretendi li jeħdilhom. L-Istat joffri u jissussidja servizz edukattiv, u jsieħeb din il-funzjoni tal-ġenituri li ma jistgħux jiddelegaw, u huma għandhom id-dritt li jagħżlu bil-libertà l-għamla ta' edukazzjoni – aċċessibbli u ta' kwalità – li jixtiequ jagħtu lil uliedhom

skont il-konvinzjonijiet tagħhom. L-iskola ma tiħux post il-ġenituri anke jekk hi kumplimentari għalihom." (AL 84)

"Il-Knisja msejħa tikkollabora, b'azzjoni pastorali b'saħħitha, biex l-istess ġenituri jistgħu jwettqu l-missjoni edukattiva tagħhom. Għandha tagħmel dan billi tgħinhom dejjem jivvalurizzaw ir-rwol speċifiku tagħhom, u jagħrfu li dawk li rċivew is-sagrament taż-żwieġ isiru veri ministri edukattivi, għax bil-formazzjoni ta' wliedhom ikunu jibnu lill-Knisja u meta jagħmlu dan huma qed jilqgħu bil-qalb il-vokazzjoni li Alla qed jipproponilhom." (AL 85)

**Niddiskutu fil-grupp:**

1. Kif taħseb li għandha tingħata din il-formazzjoni fil-familja fiż-żminijiet tal-lum?
2. X'inhuma d-diffikultajiet li jsibu l-ġenituri bi tfal żgħar biex jagħtu din il-formazzjoni fil-familja?
3. Tista' tgħallem mhux tant bil-kliem daqskemm bl-eżempju. Taħseb li b'mod ġenerali, uliedna qed jaraw eżempji tajba mingħand il-ġenituri tagħhom?

**L-Etika tal-ulied**

Anke jekk il-ġenituri għandhom bżonn tal-iskola biex jiżguraw li wliedhom jirċievu t-tagħlim bażiku, huma ma jistgħu qatt jiddelegaw għalkollox il-formazzjoni morali tagħhom. "Xogħol il-ġenituri hu li jedukaw ir-rieda u jrawmu f'uliedhom drawwiet tajba u inklinazzjonijiet affettivi lejn dak li hu tajjeb. Dan jimplika li jippreżentawhom bħala mġibiet li wieħed jixxennaq li jitgħallem u inklinazzjonijiet li jixtieq jikber fihom. Imma dan hu dejjem proċess li mill-imperfezzjoni jgħaddi għal milja sħiħa." (AL 264)

Hemm bżonn inxettlu fina ċerti drawwiet tajba. Anke dak li drajna nagħmlu minn ċkunitna għandu funzjoni pożittiva, għax b'hekk il-valuri li nkunu għamilna tagħna jitlaħħmu fi mġiba b'saħħitha minn barra u stabbli. Wieħed jaf ikollu sentimenti soċjevoli u dispożizzjoni tajba għall-oħrajn, imma jekk għal ħafna żmien il-ġenituri ma darrewhx jgħid "jekk jogħġbok", "skużani", "grazzi", id-dispożizzjoni tajba ta' ġo fih mhux lakemm tissarraf f'dawn l-espressjonijiet. It-tisħiħ tar-rieda u t-tennija ta' għemejjel partikulari jibnu l-kondotta morali, u mingħajr ir-

ripetizzjoni konxja, ħielsa u apprezzata ta' ċerti mġibiet tajbin, ma nistgħux inwasslu sal-aħħar l-edukazzjoni għal din il-kondotta. Il-motivazzjonijiet, jew il-ġibda li nħossu lejn valur partikulari, ma jistgħux isiru virtù mingħajr raġuni tajba għal dawn l-atti.

**"Jekk jogħġbok", "skużani", "grazzi", dawn il-kelmiet qegħdin fil-ħajja tagħna bħala koppja?**

**Sfidi għall-formazzjoni Nisranija**

Hemm tliet sfidi li jtellfu l-formazzjoni Nisranija fil-familja. Dawn huma l-ewwel nett il-midja. Meta l-midja tiġi wżata b'mod tajjeb ikun fiha valur kbir. Imma meta l-midja jkollha l-'agenda' tagħha din ħafna drabi taf tkun distruttiva.

Sfida oħra hija l-allerġija biex nitgħallmu. Niddejqu nattendu laqgħa ta' formazzjoni li ssir fil-parroċċa. Minkejja li ngħidu, "kollox irid ikun" fil-fatt mhux dejjem huwa hekk.

It-tielet sfida hi n-nuqqas ta' ħin minħabba l-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu. Irridu nlaħħqu ma' kollox. Naqas bil-goff is-sens ta' ċaħda fuqna nfusna. Irridu kollox issa.

Mingħajr ma nkunu negattivi ejjew inħallu lil Ġesù jimlilna qalbna bil-ferħ kif għamel mad-dixxipli ta' Għemmaws. Nagħlqu billi naqraw din is-silta mill-Evanġelju ta' San Luqa (24:13-35).

[13]Dakinhar stess ġara li tnejn
minnhom kienu sejrin lejn raħal
jismu Għemmaws, xi sittin stadju
bogħod minn Ġerusalemm, [14]jitħaddtu
bejniethom fuq kulma kien ġara.
[15]Huma u jitħaddtu u jitkixxfu
bejniethom, Ġesù nnifsu resaq
lejhom u baqa' miexi magħhom.
[16]Imma għajnejhom kellhom xi
jżommhom u ma setgħux jagħrfuh.
[17]U hu qalilhom: "X'intom tgħidu
bejnietkom intom u miexja?" U huma
waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom.
[18]Imbagħad wieħed minnhom, jismu
Kleofa, wieġeb u qallu: "Inti waħdek
il-barrani f'Ġerusalemm li ma tafx
x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?"
[19]"X'ġara?" staqsiehom Ġesù. Qalulu:
"Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien
profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem
quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu,
[20]kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet
tagħna tawh f'idejn il-gvernatur

biex ikun ikkundannat għall-mewt
u sallbuh. 21Aħna konna nittamaw
li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael;
iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlett
ijiem minn dawn il-ġrajja! 22Issa wkoll
xi wħud min-nisa tagħna ħasduna,
għax marru kmieni ħdejn il-qabar
23u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew
jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li
qalulhom li hu ħaj. 24Imbagħad marru
ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna
u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa,
imma lilu ma rawhx!" 25Qalilhom
Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex
temmnu kulma qalu l-profeti! 26U ma
kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk
jidħol fil-glorja tiegħu?" 27U beda minn
Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom
kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.
28Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu
sejrin hu għamel tabirruħu li hu
kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod.
29Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom
u qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa
sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex
jintemm." Imbagħad daħal biex
joqgħod magħhom. 30U waqt li kien
fuq il-mejda magħhom, qabad il-
ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom.
31Imbagħad infetħulhom għajnejhom
u għarfuh, iżda hu għab minn
quddiemhom. 32U wieħed lill-ieħor
bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa
qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna
fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" 33Dak
il-ħin stess qamu u reġgħu lura
Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax
u lil sħabhom miġbura flimkien, 34u
dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew,
u deher lil Xmun!" 35U huma wkoll
tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u
kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

# Skema - Novembru 2018
# Il-Ħajja Miżżewġa

"F'dak iż-żmien resqu fuq Ġesù xi Fariżej biex iġarrbuh, u qalulu: "Jista' wieħed jitlaq lil martu fuq xi ħaġa, tkun xi tkun?" Iżda hu qalilhom: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara, u qal, "Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed"? Mela dak li għaqqad Alla, ma għandux jifirdu l-bniedem." (Mt. 19:3-6)

Kliem li għadu japplika għalina llum, u li jingħad lilna miċ-ċelebrant fil-bidu nett tal-ħajja miżżewġa dakinhar li nlissnu l-'iva' tagħna lil xulxin, biex jagħtina d-direzzjoni għall-kumplament tal-ħajja fiż-żwieġ: "Iwettaq il-Mulej fi tjubitu dan il-kunsens li għadkom kemm fissirtu quddiem il-Knisja u jimliekom bil-barka tiegħu. Dak li għaqqad Alla, ma għandux jifirdu l-bniedem."

Ix-xjuħ tagħna kienu jgħidu li ż-żwieġ kaxxa magħluqa; ġaladarba tiżżewweġ, ma tafx x'se ssib f'din il-mistħajla kaxxa taż-żwieġ. Għax kemm ir-raġel, kif ukoll il-mara, iġibu fiż-żwieġ il-kaxxa tagħhom: it-trobbija li rċevew, l-esperjenzi sbieħ u koroh ta' ħajjithom, il-karattru u l-fehma, u tant u tant ħwejjeġ oħra. Dawn iż-żewġ kaxxi individwali jinfetħu biex isiru kaxxa waħda għall-koppja flimkien. Mhuwiex proċess faċli, għandu l-isfidi tiegħu. Iżda quddiem din ir-realtà, il-Papa Franġisku jtina kliem ta' kuraġġ u tama: "... iż-żwieġ mhuwiex kaxxa magħluqa. Ir-rabta hi vera, hi irrevokabbli, u ġiet ikkonfermata u kkonsagrata bis-sagrament taż-żwieġ. Imma meta ntrabtu ma' xulxin, il-miżżewġin saru protagonisti, sidien tal-istorja tagħhom u ħallieqa ta' proġett li jeħtieġ imexxu 'l quddiem flimkien. Ħarsithom issa ddur fuq il-futur li jeħtieġ isawru jum wara jum bil-grazzja ta' Alla, u proprju għalhekk ħadd ma jista' jippretendi mill-parti l-oħra fiż-żwieġ li tkun perfetta. Iridu jwarrbu l-illużjonijiet u jaċċettawha kif inhi: mhix sħiħa, hi msejħa tikber, qiegħda f'mixja. Meta l-miżżewġin iħarsu lejn xulxin dejjem bi kritika, dan juri li jkunu għadhom ma fehmux li ż-żwieġ hu wkoll proġett li jridu jibnu flimkien, bis-sabar, bil-ftehim, bit-tolleranza u l-ġenerożità. Inkella jiġri li flok l-imħabba naqra naqra tidħol ħarsa suspettuża u bla ħniena, li tikkontrolla l-merti u d-drittijiet ta' kull wieħed, tipprotesta, tikkompeti u trid tiddefendi ruħha. Hekk ma jibqgħux kapaċi jwieżnu lil xulxin biex jimmaturaw it-tnejn li huma u jikbru fir-rabta ta' bejniethom. Hemm bżonn li lill-miżżewġin ġodda dan



nuruhulhom b'realiżmu ċar sa mill-bidu, ħalli jifhmu x'qed jibdew." (AL 218)

**Dan il-paragrafu jimmerita diskussjoni sħiħa. Għalhekk nissuġġerixxu li ssir diskussjoni fuq dawn il-punti:**

- Iż-żwieġ hu kaxxa magħluqa jew vjaġġ li rridu niskopru kontinwament?
- "Imma meta ntrabtu ma' xulxin, il-miżżewġin saru protagonisti, sidien tal-istorja tagħhom u ħallieqa ta' proġett li jeħtieġ imexxu 'l quddiem flimkien." Il-miżżewġin kif jistgħu jkunu protagonisti u sidien tal-istorja tagħhom?
- It-tliet kelmiet tad-deheb li jissuġġerixxi il-Papa Franġisku għall-familja ferħana huma: "Grazzi", "jekk jogħġbok", "aħfirli". Kemm hu possibbli li ngħixu dawn it-tliet kelmiet fil-familja?

Aħna miżżewġin Insara, miżżewġin bis-sagrament. Tajjeb li mmorru ftit lura lejn il-Katekiżmu u niftakru li "s-Sagramenti huma sinjali sensibbli u effikaċi tal-grazzja, imwaqqfa minn Kristu u fdati lill-Knisja, li bihom tingħatalna l-ħajja ta' Alla." (KKK 224) Fiż-żwieġ is-sinjal viżibbli huwa l-koppja stess u l-imħabba tagħhom għal xulxin; huma l-għarajjes stess il-ministri tas-sagrament, li jamministraw is-sagrament taż-żwieġ lil xulxin, filwaqt li s-saċerdot huwa biss ix-xhud uffiċjali ta' Kristu li jbierek l-għaqda ta' bejniethom. Mela "ż-żwieġ fil-Knisja jmur ferm lil hinn mid-drittijiet u l-obbligazzjonijiet soltu assoċjati maż-żwieġ ċivili. Huwa sejħa għal patt ta' mħabba, imħabba li ma tistax tiġi nnegozjata bħal kull kuntratt ieħor. Huwa vokazzjoni, li għaliha huma msejħa r-raġel u l-mara. Għalhekk, il-koppja hija msejħa biex tgħix ħajja sagramentali li tirrifletti dik ta' Ġesù Kristu."[1] Huwa għalhekk li aħna membri tal-Gruppi Familji Nsara ngħidu li għandna "nkunu xhieda ħajja tal-imħabba ta' Alla meta ngħixu s-sejħa tagħna fiż-żwieġ."

"Hu tabilħaqq opportun li nifhmu f'dawl Kristoċentriku l-proprjetajiet naturali taż-żwieġ, li huma għall-ġid tal-miżżewġin (*bonum coniugum*), li jiġbor fih l-għaqda ta' bejniethom, il-ftuħ għall-ħajja, il-fedeltà u l-indissolubbiltà, u fi ħdan iż-żwieġ Nisrani anke l-għajnuna reċiproka fil-mixja lejn ħbiberija iktar sħiħa mal-Mulej." (AL 77) Huma dawn il-kwalitajiet partikulari u speċjali li jiddistingwu ż-żwieġ Nisrani. B'danakollu ma jfissirx li ma hemmx forom oħra ta' żwieġ u ta' ħajja

miżżewġa, tant li l-Papa Franġisku dan jirrikonoxxih u jistqarr li "hemm elementi pożittivi preżenti fl-għamliet ta' żwieġ fi tradizzjonijiet reliġjużi oħra … (Niddiskutu fil-grupp dak li qed jgħid hawn il-Papa.) Nistgħu ngħidu li "kull persuna li tixtieq issawwar f'din id-dinja familja li tgħallem lil uliedha jifirħu għal kull azzjoni li tiġi quddiemhom biex jirbħu l-ħażen, familja li turi li l-Ispirtu hu ħaj u qed jaħdem, issib il-gratitudni u l-istima, ikun xi jkun il-poplu, ir-reliġjon jew ir-reġjun li minnhom ġejja."" (AL 77)

Sfortunatament iżda, ħafna drabi ż-żwieġ qed jiġi sfidat. "F'xi soċjetajiet għadha taħdem il-prattika tal-poligamija; f'xi kuntesti oħra għad hemm il-prattika taż-żwiġijiet imqabbla. F'ħafna kuntesti, u mhux biss tal-Punent, qed tixtered b'mod wiesa' d-drawwa tal-konvivenza qabel iż-żwieġ u anke dik tal-konvivenzi li ma jkunux orjentati biex jassumu l-forma ta' rabta istituzzjonali. F'diversi pajjiżi l-liġi tiffaċilita l-iżvilupp ta' għadd ta' alternattivi, biex hekk iż-żwieġ magħmul minn esklussività, indissolubbiltà u ftuħ għall-ħajja jispiċċa jidher bħala proposta antikwata fost ħafna oħrajn. F'bosta pajjiżi għaddejja b'rata mgħaġġla dekostruzzjoni ġuridika tal-familja li donnha trid taddotta għamliet oħra msejsa kważi esklussivament fuq il-mudell tal-awtonomija tar-rieda. Waqt li hu leġittimu u ġust li jitwarrbu għall-ġenb xejriet qodma ta' familja "tradizzjonali" kkaratterizzati mill-awtoritarjaniżmu u anke mill-vjolenza, dan m'għandux iwassal għad-disprezz taż-żwieġ, imma biex nerġgħu niskopru s-sens veru tiegħu u nġedduh. Is-saħħa li għandha l-familja essenzjalment tgħammar fil-ħila tagħha li tħobb u tgħallem kif tħobb. Tkun kemm tkun miġruħa familja, hi dejjem tista' tikber jekk tfittex l-imħabba bħala punt tat-tluq." (AL 53)

**Is-saħħa li għandha l-familja essenzjalment tgħammar fil-ħila tagħha li tħobb u tgħallem kif tħobb. Kif tista l-familja tgħallem kif tħobb?**

Niżżewġu għax ninħabbu. "Għalhekk iż-żwieġ imur lil hemm minn kull moda li tgħaddi, u jibqa'. L-essenza tiegħu għandha għeruqha fl-istess natura tal-persuna umana u tal-karattru soċjali tagħha. Timplika serje ta' obbligi, li imma joħorġu mill-imħabba nfisha, minn imħabba hekk determinata u ġeneruża li kapaċi tirriskja l-istess futur tagħha." (AL 131)

**"Il-mod kif qed iġġib ruħek qiegħed iħawwadni. Mhux aħjar tgħidli x'qiegħed tħoss!"**



Huma għalhekk tnejn il-kolonni b'saħħithom li jżommu ż-żwieġ wieqaf; l-imħabba u t-talb. "Dak kollu li għedna ma jkunx biżżejjed biex jesprimi l-Evanġelju taż-żwieġ u tal-familja jekk ma niqfux b'mod speċifiku biex nitkellmu dwar l-imħabba ... Fil-fatt, il-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ qabelxejn "trid twassal għall-perfezzjoni l-imħabba tal-miżżewġin."" (AL 89) Mill-banda l-oħra, "it-talb fil-familja hu mezz ipprivileġġjat biex hi tesprimi u ssaħħaħ din il-fidi tagħha fil-misteru tal-Għid. Nistgħu nsibu ftit minuti kuljum biex ninġabru quddiem il-Mulej ħaj, ngħidulu x'inhu jħassibna, nitolbu għall-ħtiġijiet fil-familja, nitolbu għal xi ħadd li għaddej minn żmien ta' taqtigħ il-qalb, nitolbuh l-għajnuna biex inkunu kapaċi nħobbu, irroddulu ħajr għall-ħajja li tana u għall-ħwejjeġ sbieħ, nitolbu lill-Verġni Mbierka tkenninna taħt il-mant tagħha ta' omm. Fi kliem sempliċi, dan il-mument ta' talb lill-familja jista' jagħmlilha tant ġid." (AL 318)

**Dak li qed jissuġġerixxi hawn fuq il-Papa Franġisku, qegħdin nagħmluh fil-familja tagħna? Qed insibu ħin biex nitolbu flimkien?**

"Id-diversi espressjonijiet ta' devozzjoni popolari huma teżor ta' spiritwalità għal ħafna familji. Il-mixja komunitarja ta' talb tilħaq il-qofol tagħha fis-sehem komuni fl-Ewkaristija, fuq kollox fil-kuntest tal-mistrieħ tal-Ħadd. Ġesù jħabbat fuq il-bieb tal-familja biex magħha jaqsam l-Ikla Ewkaristika[2]. Hemm, il-miżżewġin jistgħu dejjem jissiġillaw il-patt tal-Għid li bih intrabtu u li jirrifletti l-Patt li Alla ssiġilla mal-bnedmin fuq is-Salib. L-Ewkaristija hi s-sagrament tal-Patt il-Ġdid li fih titwettaq l-azzjoni feddejja ta' Kristu[3]. Hekk nistgħu nilmħu r-rabtiet profondi li jeżistu bejn il-ħajja taż-żwieġ u l-Ewkaristija. Meta nitrejqu bl-Ewkaristija, din tagħtina qawwa u enerġija biex ta' kuljum ngħixu l-patt taż-żwieġ bħala Knisja tad-dar." (AL 318)

"Alla, li huwa mħabba u li ħalaq lill-bniedem għax ħabbu, sejjaħlu għall-imħabba. Meta ħalaq lir-raġel u lill-mara, sejħilhom fiż-żwieġ għal komunità intima ta' ħajja u ta' mħabba bejniethom, "għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed." (Mt. 19:6) Meta berikhom, Alla qalilhom: "Nisslu u oktru, u imlew l-art." (Ġen. 1:28)" (KKK 337)

Papa Franġisku jħares lejn il-famuż innu lill-imħabba li mar kiteb San Pawl Missierna fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin (13:4-7), u filwaqt li jlissen

il-karatteristiċi sbieħ u qaddisa tal-imħabba vera, jgħidilna li "dan jingħax u jitħares fil-ħajja li ta' kuljum jaqsmu ma' xulxin il-miżżewġin, bejniethom u ma' wliedhom. Għalhekk, hi ħaġa prezzjuża ħafna li nieqfu biex nippreċiżaw it-tifsira tal-espressjonijiet f'dan it-test, biex nippruvaw napplikawhom għall-ħajja konkreta ta' kull familja." (AL 90)

Huma l-karatteristiċi li jsaħħu ż-żwieġ u li b'konsegwenza jwieżnu l-familja, li tissawwar bħala komunità u komunjoni primarjament bejn ir-raġel u l-mara, imbagħad f'livelli ehor, iżda mhux esklussiv, mal-ulied. Kienu diversi d-definizzjonijiet sbieħ li l-papiet taw lill-familja, fosthom: "Komunjoni ta' Persuni" (Amoris Lætitia 71, Relatio Finalis 2015, 38.), "Komunità ta' Ħajja u ta' Mħabba" (AL 67 b'riferenza għall-Gaudium et Spes) u "Komunjoni ta' Mħabba" (Pawlu VI, Diskors f'Nazaret, 5/1/1964).

1 Kors ta' Kana, Manwal għall-Koppji Mexxejja ed. 2013, Laqgħa 7 'Is-Sagrament taż-Żwieġ', pġ. 55.
2 Apokalissi 3:20 "Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi."
3 Luqa 22:20 "Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom."

**Aħna kif niddeskrivu ż-żwieġ tagħna u l-familja tagħna?**
**Nagħlqu il-laqgħa billi naqraw flimkien l-innu tal-imħabba. (1 Kor. 13:1-8)**

1 Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin
u tal-anġli bla ma kelli l-imħabba,
kont inkun qisni strument tar-ram
iżarżar jew platti jċekċku.
2 U kieku kelli d-don tal-profezija u kont
naf il-misteri kollha u l-għerf kollu,
kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li
nqanqal il-muntanji,
imma ma kellix imħabba, jiena
ma kont inkun xejn.
3 U kieku kelli nqassam ġidi kollu
fil-karità u nagħti ġismi għall-
ħruq bla ma jkolli mħabba,
xejn ma jkun jiswieli ta' ġid.
4 L-imħabba taf tistabar u tħenn;
l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx
biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn;
5 ma tagħmilx dak li mhux
xieraq; ma tfittixx dak li hu
tagħha, xejn ma tinkorla;
ma żżommx f'qalbha għad-deni,
6 ma tifraħx bl-inġustizzja,
imma tifraħ bil-verità;
7 kollox tagħder, kollox temmen,
kollox tittama, kollox tissaporti.
8 L-imħabba ma tintemm qatt.

# Skema - Diċembru 2018
# Il-Ħniena

"Henjin dawk li jħennu għaliex huma jsibu l-ħniena." (Mt. 5:7)

Hemm bżonn li dejjem inżommu għajnejna miftuħin u nkunu sensittivi għall-bżonnijiet tal-oħrajn, u ma niġrux biex niġġudikaw, ħalli nkunu verament qed nimxu fuq l-istess passi tal-Mulej Ġesù.

Min huma dawk li jħennu? Li jħennu huma dawk li verament jipprattikaw il-qalba tat-tagħlim ta' Ġesù. Huma jixbhu lil Alla li wera lilu nnifsu bħala Missier b'qalb tajba li tħenn u tagħder.

Dawk li jħennu ssibhom fejn hemm in-niket, l-inkwiet, l-uġigħ u n-nuqqas ta' ftehim biex b'għemejjel ta' ħniena, li huma frott ta' ħsibijiet ta' ħniena, huma jfarrġu u jagħdru u anke jmiddu jdejhom biex jagħtu l-għajnuna li jkun hemm bżonn. Huma jħaddmu l-opri tal-ħniena li semmielna Ġesù, sew dawk li jmissu l-ġisem kif ukoll dawk li jmissu r-ruħ, għax persważi li fuqhom għad jiġu ġġudikati u li Ġesù jqis dak li nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn bħallikieku għamilnieh miegħu stess. Fl-Evanġelju ta' San Mattew (25:31-46) Ġesù jgħidilna eżattament dan. Dan hu l-eżami li kull wieħed minna jrid jagħmel quddiem Alla. Għax il-ħajja Nisranija hija eżami għaddej il-ħin kollu, fejn aħna lkoll nafu fuqiex għandna nagħmlu l-eżami tal-kuxjenza.

Il-ħniena trid tidher u tibda fil-familja. Il-Papa Franġisku jgħid li "il-familja hekk tissawwar bħala suġġett tal-azzjoni pastorali permezz tat-tħabbira espliċita tal-Evanġelju u l-wirt ta' bosta xorta ta' xhieda: is-solidarjetà mal-foqra, il-ftuħ għad-diversità tal-persuni, il-ħarsien tal-ħolqien, is-solidarjetà morali u materjali mal-familji l-oħra, fuq kollox dawk l-iżjed fil-bżonn, l-impenn b'risq il-promozzjoni tal-ġid komuni anke permezz tat-tibdil fl-istrutturi soċjali inġusti, ibda mit-territorju li fih hi tgħix, meta tipprattika l-opri tal-ħniena li jmissu mal-ġisem u mar-ruħ." (AL 290)

**F'din is-silta l-Papa jisfidana biex naraw kif inwettqu dan. Niddiskutu fil-grupp.**

Dan irridu nħarsu lejh fil-qafas tal-konvinzjoni l-aktar għażiża tal-Insara: l-imħabba tal-Missier li tweżinna u fiha nikbru, li dehret fl-għotja sħiħa ta' Ġesù, ħaj fostna, hi dik li tagħmilna kapaċi, magħqudin, inħabbtu wiċċna mal-irwiefen kollha u l-fażijiet kollha tal-ħajja. Anke fil-qalb ta' kull familja jeħtieġ tidwi

l-*kerygma*, jiġifieri l-ewwel tħabbira ta' Ġesù Kristu f'kull ħin, f'waqtu u mhux, biex iddawwal il-mixja tagħha. Kollha għandna nkunu nistgħu ngħidu, frott il-ħajja li nkunu għexna fil-familji tagħna: "Aħna agħrafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha." (1 Ġw. 4:16) Huwa biss jekk titlaq minn din l-esperjenza li l-pastorali tal-familja tista' twassal biex il-familji jsiru Knejjes tad-dar u fl-istess ħin ħmira evanġelizzatriċi li ttella' l-għaġna tas-soċjetà tagħna.

**Kif il-familji tagħna għandhom ikunu Knejjes tad-dar? Kif jistgħu jevanġelizzaw il-familji tagħna?**

"L-'iva' li taw lil xulxin hi l-bidu ta' mixja, b'fini li kapaċi jegħleb dak li jafu jimponu ċ-ċirkustanzi jew ix-xkiel li jsibu mat-triq. Il-barka li jirċievu hi grazzja u xprun għal din il-mixja dejjem miftuħa. Spiss jiswa ta' ġid li jpoġġu bilqiegħda jiddjalogaw biex jelaboraw il-proġett konkret tagħhom fl-għanijiet tiegħu, fl-għodda u fid-dettalji tiegħu." (AL 218)





**Niddiskutu fil-grupp:**

- Il-Papa qed jgħidilna, jiswielna ta' ġid li l-miżżewġin ipoġġu bilqiegħda u jiddjalogaw biex jelaboraw il-proġett li huwa ż-żwieg. Fil-familja, x'nagħmlu l-aktar, niddjalogaw jew niddiskutu? X'inhi d-differenza?

**Hawn nissuġġerixxu li naqsmu bejnietna fil-grupp l-esperjenzi tal-barkiet li kellna u għad għandna fiż-żwieġ tagħna.**

Fl-Evanġelju San Mattew iqis il-ħniena mal-proxxmu tagħna bħala waħda mill-beatitudnijiet, jiġifieri valur ewlieni tal-ħajja tas-Saltna. Mattew isemmi minflok il-maħfra tal-għedewwa u jgħid li din l-għamla ta' mħabba tagħmilna perfetti bħall-Missier. Il-ħniena ma tfissirx li wieħed ma jirrikonoxxix l-iżbalji u l-ħażen tal-proxxmu; tfisser li wieħed ma jħallix dan il-ħażen jikkundizzjonalu għemilu. Naturalment, il-ħniena ma tmissx biss ir-relazzjonijiet ma' nies diffiċli msejħa 'għedewwa', imma anke għandna bżonn il-ħniena fil-ħajja tal-familja.

**"Huwa importanti li nilqgħu n-nies b'delikatezza u mhux inferulhom id-dinjità tagħhom." (Niddiskutu fil-grupp.)**

Dan huwa wieħed mill-messaġġi tal-Papa Franġisku fl-ewwel ktieb tiegħu 'L-Isem ta' Alla Huwa Ħniena'. F'intervista mal-ġurnalista Andrea Tornielli, il-Papa rrakkonta esperjenza li kellu meta kien kappillan fl-Arġentina.

Fr Jorge Mario Bergoglio kien jgħin lil omm bi tfal żgħar li telaqha r-raġel tagħha u li minħabba li ma kellhiex dħul finanzjarju sigur u x-xogħol kien skars, kellha tagħżel il-prostituzzjoni biex titma' lil uliedha.

Il-Papa Franġisku jgħid li fi żmien il-festi tal-Milied din l-omm marret biex tkellmu. Hu ħaseb li riedet tirringrazzjah għall-ikel li bagħtilha u staqsieha jekk irċivitux.

Il-mara weġbitu "Iva u grazzi, imma jien ġejt hawn biex nirringrazzjak talli qatt ma waqaft issejjaħli sinjura."

**Il-Papa stqarr li din l-esperjenza għallmitu l-importanza li kull persuna umana għandha tiġi trattata b'dinjità u bi ħniena, irrispettivament mis-sitwazzjonijiet li tkun għaddejja minnhom. (Niddiskutu fil-grupp.)**

Ħadd ma jista' jagħti minn dak li m'għandux, għalhekk il-ħniena trid tibda l-ewwel bejn il-koppja nfisha billi jaħfru u jagħdru lil xulxin. Li tkun taf taħfer u tagħder ifisser li tkun taf tħobb.

**Niddiskutu fil-grupp.**

1. Qatt għaddielkom minn moħħkom li taqbdu taqtgħu qalbkom meta tiltaqgħu ma' diffikultajiet fir-relazzjoni ma' xulxin jew ma' wliedkom?
2. Meta jkollkom xi disgwid bejnietkom, min minnkom jibda l-ewwel biex terġa' tibda ssaltan il-paċi? Kif wasaltu biex għamiltu paċi?
3. Kemm issibuha diffiċli titolbu maħfra meta tindunaw li tkunu żbaljajtu? Min minnkom jaqa' l-ewwel? Għandkom sens ta' umoriżmu li jista' jiffaċilita s-sitwazzjoni meta ssibu ruħkom ma titkellmux?

# KUMITAT ĊENTRALI 2018

**Gruppi Familji Nsara - Moviment ta' Kana**
**Istitut Kattoliku, Triq San Publiju - Floriana FRN 1441**
**www.gfnmalta.org**

**Koppja President - James u Marica Chappell**
Tel. 21451972, Mob. 79809001/2, E-mail: koppja-president@gfnmalta.org

**Chaplain Nazzjonali - Mons. Charles Attard**
Tel. 22039300, Mob. 99891907, E-Mail: chaplain-nazzjonali@gfnmalta.org

**Koppja Segretarja - Emmanuel u Rosanna Falzon**
Tel. 21642931, Mob: 99420643, E-mail: koppja-segretarja@gfnmalta.org

**Koppja Teżoriera - Mario u Anna Zerafa**
Tel. 21311832, Mob. 79703049, E-mail: koppja-tezoriera@gfnmalta.org

# DISTRETT 'A'

**Koppja Distrettwali - Charlie u Rita Azzopardi**
Tel. 21497829, Mob. 79854180, E-mail: koppja-distrettwali-a@gfnmalta.org
Parroċċi: UP2 - Gwardamanġa, Ħamrun (SG), Marsa (TQ), Santa Venera; UP3 - Birkirkara (SE), UP5 - Ħad-Dingli, Rabat; UP6 - Ħal Qormi (SB), Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ.

# DISTRETT 'B'

**Koppja Distrettwali - Anthony u Helen Attard Bason**
Tel. 21372701, Mob. 79860113, E-mail: koppja-distrettwali-b@gfnmalta.org
Parroċċi: UP7 - Mosta; UP8 - Mellieħa, Qawra-Buġibba; UP9 - Msida;
UP10 - Balluta, Sliema Ġesù Nazzarenu; UP11 - Tal-Ibraġ, San Ġwann.

# DISTRETT 'Ċ'

**Koppja Distrettwali - Carmel u Helen Damato**
Tel. 21649785, Mob. 79551082, E-mail: koppja-distrettwali-c@gfnmalta.org
Parroċċi: UP12 - Paola (KR), Santa Luċija, Ħal Tarxien;
UP13 - Fgura, Marsaskala, Ħaż-Żabbar; UP14 - L-Isla, Kalkara;
UP15 - Marsaxlokk, Żejtun; UP16 – Mqabba, Żurrieq.



# Talba tal-Bidu

**Mulej, Grazzi talli tajtna lil xulxin bħala l-isbaħ rigal. Għinna biex inżommuk dejjem fiċ-ċentru tal-ħajja tagħna fiż-żwieġ, u biex, magħqudin flimkien, nibqgħu dejjem infaħħruk. Grazzi talli laqqajtna lkoll flimkien f'dan il-Grupp. Għinna biex, permezz ta' din il-laqgħa tagħna mal-Kelma tiegħek, noffru sostenn lil xulxin b'imħabba u b'sens ta' qadi qaddis, biex hekk nissaħħu fir-rabta tagħna fis-Sagrament taż-Żwieġ. Ammen.**

# Talba tal-Għeluq

**Saċerdot:** Ħuti, nitolbu lill-Mulej Alla jbierek din il-laqgħa li għamilna fil-preżenza tiegħu. Ninġabru quddiem Alla, li bierek l-għaqda tagħkom fis-Sagrament taż-Żwieġ, biex b'fiduċja sħiħa nitolbuh dak li nixtiequ għall-familja tagħna u tal-oħrajn.

**Koppja Mexxejja:** Nitolbu għall-familji tagħna.

**Kulħadd:** Mulej, aħna nikkonsagrawlek l-imħabba tagħna lejn xulxin u lejn uliedna u nitolbuk li ssaltan dejjem f'kull membru tal-familja tagħna u tieqaf magħna f'kulma nagħmlu u ngħidu biex, kif aħna magħqudin flimkien f'din l-art ninġabru lkoll miegħek fid-dar tiegħek tas-sema.
*(Niftakru f'dawk li nixtiequ nitolbu għalihom)*

**Koppja Mexxejja:** Nitolbu għall-familji ta' ħutna.

**Kulħadd:** Mulej, nitolbuk ukoll għall-familji kollha ta' din il-parroċċa u tad-dinja kollha; saħħaħ l-għaqda fl-imħabba fost il-miżżewġin; ieqaf mat-tfal u ż-żgħażagħ; kun il-qawwa tal-foqra, il-faraġ tar-romol u Missier il-bnedmin kollha.
*(Inżommu id f'id u ngħidu flimkien il-Missierna)*

**Saċerdot:** Iberikna l-Mulej u jħarisna! Jixħet id-dija ta' wiċċu fuqna u jurina l-ħniena! Iħares lejna l-Mulej b'imħabba u jagħtina s-sliem! Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

**Ammen.**